

Brussell, 11 ta' Ġunju 2025
(OR. en)

9236/25

Fajl Interistituzzjonali:
2025/0034 (NLE)

RECH 236
COMPET 402

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-Aġenda ta' Politika taż-Żona Ewropea
tar-Riċerka 2025-2027

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL DWAR L-AĠENDA TA' POLITIKA TAŻ-
ŻONA EWROPEA TAR-RIĊERKA 2025-2027

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 292, flimkien mal-Artikolu 182(5) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Illum, l-UE qed tiffaċċa sfidi multipli u bla preċedent. L-ordni globali qed tinbidel u l-pedamenti tal-benesseri u s-sigurtà tas-soċjetà tagħna għandhom l-isfida ta' kuntest ġeopolitiku turbulenti, kompetizzjoni ekonomika dejjem tikber, rivoluzzjoni teknoloġika rapida u trasformattiva mingħajr preċedent, u t-tibdil fil-klima u l-konsegwenzi tiegħu. Ir-riċerka u l-innovazzjoni (R&I) huma kruċjali biex jitnaqqsu l-vulnerabbiltajiet tal-Ewropa u biex jiġi sfruttat il-potenzjal sħiħ tagħha fiż-Żona Ewropea tar-Riċerka (ŻER) kollha, minbarra li għandhom rwol kritiku biex tissaħħaħ il-kompetittività sostenibbli, ir-reżiljenza tas-soċjetà, il-prosperità u s-sigurtà tal-Unjoni Ewropea. Il-ħtieġa li jissaħħu t-tmexxija Ewropea u l-awtonomija strateġika tagħha f'oqsma teknoloġiċi ewlenin, filwaqt li tinżamm ekonomija miftuħa, saret urġenti.

- (2) L-iżvilupp taż-ŻER huwa fil-qofol tal-isforzi tagħna biex inwieġbu għal dawn l-isfidi. L-ambizzjoni li tinholq iż-ŻER bħala suq uniku għar-riċerka, it-teknoloġija u l-innovazzjoni nibtet fis-sena 2000 u ġiet minqax fit-Trattat ta' Liżbona bħala objettiv speċifiku tal-UE fl-Artikolu 179 TFUE. Filwaqt li mill-2022, fil-qafas tal-ewwel Aġenda ta' Politika taż-ŻER, sar progress sinifikanti, hemm bżonn li jsir aktar biex tiġi żviluppata ulterjorment ŻER li tiffunzjona bis-siġh fejn il-pajjiżi jingħaqdu flimkien biex jikkoordinaw u jtejbū l-politiki u l-ekosistemi nazzjonali tagħhom tar-R&I, u fejn l-għarfien, ir-riċerkaturi, l-innovaturi u t-teknoloġija jistgħu jiċċaqilqu liberament. Koordinazzjoni akbar mal-UE kollha permezz taż-ŻER tista' tgħin biex jiġu stimolati investimenti u riformi, tikkontribwixxi biex jingħalaq id-distakk fl-innovazzjoni mal-kompetituri globali tal-UE u fl-UE, kif ukoll taqdi rwol essenzjali biex titrawwem kompetittività sostenibbli.
- (3) L-Aġenda ta' Politika taż-ŻER hija kruċjali għall-implimentazzjoni tal-prijoritajiet taż-ŻER, kif inniżżel fil-Patt għar-R&I fl-Ewropa. Din tinfed l-isforzi konġunti tal-Kummissjoni Ewropea, tal-Istati Membri, u, fejn ikun il-każ, tal-pajjiżi assoċjati u tal-partijiet ikkonċernati, biex il-politiki tar-R&I jkunu kkoordinati aħjar f'kull livell. Din trawwem is-sens ta' appartenenza tagħhom u impenn akbar u tikkontribwixxi biex issir ħidma dwar il-kunċett ta' "il-ħames libertà" - is-Suq Uniku għar-R&I. L-Aġenda ta' Politika taż-ŻER għaċ-ċiklu li jmiss ta' tliet snin (2025-2027) timmira li:
- tikkontribwixxi biex tissaħħaħ il-kompetittività tal-UE u biex tiġi żgurata l-awtonomija strateġika tagħha, filwaqt li tinżamm ekonomija miftuħa, billi jiġu kkoordinati l-investimenti u r-riformi mmirati fir-R&I u fejn xieraq, jinġabru flimkien ir-riżorsi fil-livell nazzjonali u, fejn applikabbli, dak reġjonali, u fil-livell tal-UE, li huma disponibbli fil-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021-2027 attwali;
 - issaħħaħ l-eċċellenza u l-impatt tal-UE fir-R&I, it-tmexxija xjentifika globali tagħha u l-attrazzjoni għat-talent globali billi tissimplifika l-perkorsi tal-karriera fir-riċerka, tiffaċilita l-mobbiltà tar-riċerkaturi u l-kondiviżjoni tal-għarfien madwar l-Ewropa, u tippromwovi l-aċċess għal infrastrutturi mill-aktar avvanzati; u

- issaħħaħ l-iżvilupp sostenibbli u l-impatt soċjetali tal-UE billi tikkoordina l-isforzi tar-R&I fit-trasformazzjoni industrijali, billi tiżviluppa sinerġiji ma' politiki oħra u billi tippromwovi ekonomija aktar ċirkolari u reżiljenti.
- (4) Iż-ŻER għamlet kisbiet kbar matul dawn l-aħħar 25 sena f'oqsma ta' politika ewlenin inkluż l-infrastrutturi tar-riċerka, ix-xjenza miftuħa, il-kooperazzjoni internazzjonali, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-inklużività fir-R&I, l-ipprogrammar konġunt, il-karrieri fir-riċerka u l-mobbiltà tar-riċerkaturi. Jikkontribwixxu għal dawn il-kisbiet, fost oħrajn, l-Azzjonijiet Marie Skłodowska-Curie (MSCA) li ffinanzjaw aktar minn 150 000 riċerkatur eċċellenti, b'mod partikolari permezz ta' programmi ta' dottorat eċċellenti, fellowships postdottorali u skambji tal-persunal fir-R&I, EURAXESS appoġġa aktar minn żewġ miljun riċerkatur fl-iżvilupp tal-karriera tagħhom u fil-mobbiltà tagħhom fl-Ewropa kollha u l-Cloud Ewropew tax-Xjenza Miftuħa (EOSC) jipprovdi aċċess mingħajr xkiel għal data u servizzi diġitali ta' kwalità filwaqt li jappoġġa l-kollaborazzjoni bejn fruntiera u oħra, u bejn id-dixxiplini.
- (5) Fl-2021, l-Istati Membri u l-Kummissjoni qablu dwar viżjoni ġdida u qafas ta' politika ġdid għaż-ŻER, imniżżla fil-Patt għar-R&I¹ u l-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-governanza futura taż-ŻER². Il-viżjoni fit-tul tistipula l-valuri u l-prinċipji komuni li ser jiggwidaw ir-R&I u tidentifika l-prijoritajiet għal azzjoni konġunta. Fil-Patt, l-Istati Membri tennew l-impenn tagħhom li jaħdmu flimkien biex jiksibu l-oġettivi taż-ŻER biex irawmu l-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni tal-politiki tar-R&I tagħhom, u jnaqqsu l-frammentazzjoni fl-Ewropa fir-riċerka xjentifika, it-teknoloġija u l-innovazzjoni. Fil-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-2024 dwar it-tisħiħ tal-kompetittività tal-UE, it-tisħiħ taż-ŻER u li tingħeleb il-frammentazzjoni tagħha³, l-Istati Membri enfasizzaw ukoll li huwa essenzjali li l-ekosistemi tar-R&I jkomplu jinbnew u jissaħħu, u tennew il-ħtieġa li jkun hemm koordinazzjoni u allinjament aħjar bejn l-ippjanar u l-implimentazzjoni tal-politika tal-UE u dik nazzjonali.

¹ Rakkomandazzjoni tal-Kunsill (UE) 2021/2122 tas-26 ta' Novembru 2021 dwar Patt għar-Riċerka u l-Innovazzjoni fl-Ewropa, ĠU L 431, 2.12.2021, p. 1-9.

² 14308/21.

³ 16179/24.

- (6) L-ewwel Aġenda ta' Politika taż-ŻER 2022-2024 ħolqot pedament sod biex jintlaħqu l-obiettivi taż-ŻER. Din ittrasformat il-Patt għall-oqsma ta' prijorità tar-R&I f'sett ta' azzjonijiet konkreti. Sbatax-il azzjoni ġew implimentati b'mod konġunt mill-Kummissjoni, mill-Istati Membri, mill-pajjiżi assoċjati ma' Orizzont Ewropa u mill-partijiet ikkonċernati fil-livell tal-UE. Bħala parti mill-governanza l-ġdida, il-Forum taż-ŻER u s-sottogruppi tiegħu għandhom rwol uniku fl-implimentazzjoni taż-ŻER u l-azzjonijiet tagħha. Dawn jipprovdu qafas effiċjenti għall-kollaborazzjoni bejn il-Kummissjoni, l-Istati Membri, il-pajjiżi assoċjati u l-partijiet ikkonċernati rilevanti f'approċċ inklużiv u parteċipatorju. Dan irawwem strateġiji innovattivi u sjieda kondiviża tal-politiki biex tissaħħaħ l-ekosistema tar-R&I tal-Ewropa. Bħala kumitat konsultattiv konġunt ta' livell għoli dwar il-politika strateġika, il-Kumitat taż-Żona Ewropea tar-Riċerka u l-Innovazzjoni (KŻER)⁴ jipprovdi pariri bikrija lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri dwar kwistjonijiet strateġiċi ta' politika tar-R&I, inkluż dwar l-orjentazzjoni strateġika tal-politika u x-xejriet futuri li jirrikjedu l-irfinar tal-politiki tal-Unjoni u dawk nazzjonali, inkluż dawk reġjonali, fir-rigward tar-R&I, inkluż dwar il-Programm Qafas attwali u li jmiss tal-Unjoni għar-R&I u inizjattivi rilevanti oħra tal-Unjoni xprunati mir-R&I.

⁴ Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/2241 tat-13 ta' Diċembru 2021 dwar il-kompożizzjoni u l-mandat tal-Kumitat taż-Żona Ewropea tar-Riċerka u l-Innovazzjoni (KŻER), ĠU L 450, 16.12.2021, p. 143-147.

- (7) Fil-Komunikazzjoni tal-2024 "Implimentazzjoni taż-Żona Ewropea tar-Riċerka"⁵ l-Kummissjoni enfasizzat il-kisbiet tal-Aġenda ta' Politika taż-ŻER 2022-2024 u l-governanza l-ġdida. Il-kisbiet fl-indirizzar ta' firxa ta' ħtiġijiet tar-R&I madwar l-Ewropa taħt l-ewwel Aġenda ta' Politika taż-ŻER 2022-2024 jinkludu, pereżempju, (1) il-ħolqien tal-Koalizzjoni għall-Avvanz tal-Valutazzjoni tar-Riċerka (CoARA), (2) il-pubblikazzjoni tal- "Kodiċi ta' Kondotta ta' Tolleranza Żero biex tiġi miġġielda l-vjolenza abbażi tal-ġeneru fis-sistema tar-riċerka u l-innovazzjoni tal-UE", (3) it-twettiq b'suċċess tal-ewwel Djalogu Multilaterali dwar il-prinċipji u l-valuri għall-kooperazzjoni internazzjonali fir-R&I u l-adozzjoni ta' dikjarazzjoni ministerjali, (4) il-ħolqien tal-qafas Ewropew biex jiġi attirat u jinżamm it-talent fir-riċerka, fl-innovazzjoni u dak intraprenditorjali fl-Ewropa u t-tnedija tal-Osservatorju tal-Karrieri fir-Riċerka u l-Innovazzjoni, (5) l-istimolu tat-trasformazzjoni tal-enerġija ekoloġika billi tiġi implimentata l-Aġenda Strateġika ta' Riċerka u ta' Innovazzjoni tal-proġett pilota taż-ŻER dwar l-idroġenu ekoloġiku, (6) it-tisħiħ u r-rikonoxximent tal-importanza tal-kapaċitajiet ta' ġestjoni tar-riċerka, u (7) l-iżvilupp ta' qafas ġdid ta' monitoraġġ u evalwazzjoni taż-ŻER.

⁵ COM (2024) 490.

- (8) It-tieni Aġenda ta' Politika taż-ŻER 2025-2027 tkompli fuq dan l-approċċ u hija mfassla biex tgħin issaħħaħ is-sistemi nazzjonali tar-R&I u tindirizza l-isfidi globali kumplessi li qed tiffaċċa l-Ewropa. Filwaqt li tuża l-Patt għall-oqsma ta' prijorità tar-R&I għal azzjoni konġunta u l-eżiti tal-implimentazzjoni tal-ewwel Aġenda ta' Politika taż-ŻER 2022-2024 bħala bażi, tiddeskrivi l-il politika strutturali taż-ŻER u tmien azzjonijiet tanġibbli taż-ŻER, kif definiti fil-paragrafu 1 ta' din ir-rakkomandazzjoni. Dawn huma r-riżultat ta' proċess estensiv ta' kokreazzjoni fi ħdan il-Forum taż-ŻER, li ffoka fuq il-kontenut tal-politiki strutturali taż-ŻER u l-azzjonijiet taż-ŻER. B'mod komplementari, il-KŻER ikkontribwixxa billi pprovda pariri strateġiċi bikrija dwar il-bżonn ta' narrattiva tal-politika taż-ŻER, dwar l-istruttura tal-Aġenda ta' Politika taż-ŻER 2025-2027, dwar l-iżgurar tal-impenn ta' mill-inqas nofs l-Istati Membri għall-implimentazzjoni tal-Aġenda, u dwar il-ħtieġa li l-ambizzjoni, il-miri u l-prijoritajiet tagħha jiġu kkomunikati aħjar. L-għan huwa li l-implimentazzjoni tagħha tibda fl-2025. L-Aġenda ta' Politika taż-ŻER 2025-2027 tipprovdi kontinwità fir-rigward tal-politiki attwali fil-qafas tal-ewwel aġenda, tindirizza l-obiettivi ewlenin fit-tul taż-ŻER, u għandha l-flessibbiltà meħtieġa biex twieġeb għal ħtiġijiet strateġiċi ġodda. Għandha żżid il-viżibbiltà u tqajjem kuxjenza dwar iż-ŻER, l-obiettivi u l-azzjonijiet tagħha.

B'DAN JIRRAKKOMANDA LI:

1. L-Istati Membri jadottaw l-Aġenda ta' Politika taż-ŻER 2025-2027 li tinkludi l-il politika strutturali taż-ŻER u tmien azzjonijiet taż-ŻER. Il-politiki strutturali taż-ŻER huma attivitajiet aktar fit-tul, inkorporati fil-politika nazzjonali u Ewropea u fis-sistemi tar-R&I, li jirrikjedu sforzi lil hinn miċ-ċiklu ta' tliet snin tal-Aġenda ta' Politika taż-ŻER. Dawn għandhom pjan ta' ħidma ta' tliet snin biex jiżguraw l-implimentazzjoni ta' miżuri biex jinkiseb l-impatt fit-tul mistenni. L-azzjonijiet taż-ŻER huma konkreti, iggwidati mill-politika u orjentati lejn l-għan biex jipprovdu valur miżjud sostantiv għall-UE, l-Istati Membri, il-pajjiżi assoċjati u l-partijiet ikkonċernati, u għandhom jitlestew fit-tliet snin tal-Aġenda ta' Politika taż-ŻER. Il-proposti kollha għal politiki strutturali taż-ŻER u għal azzjonijiet taż-ŻER għall-perjodu 2025-2027 huma deskritti f'aktar dettall fl-Anness.

2. L-Istati Membri jimplimentaw il-politiki strutturali u l-azzjonijiet stabbiliti fl-Aġenda ta' Politika taż-ŻER 2025-2027 b'mod volontarju u abbażi tal-prinċipju ta' ġeometrija varjabbli, mal-Kummissjoni u f'koordinazzjoni, fejn ikun il-każ, mal-pajjiżi assoċjati u l-partijiet ikkonċernati, f'konformità mal-erba' oqsma ta' prijorità għall-azzjoni konġunta identifikati fil-Patt għar-R&I. Dawn il-politiki u l-azzjonijiet strutturali jiffukaw fuq (i) il-kisba ta' valur miżjud ċar fil-livell nazzjonali u Ewropew, (ii) it-twettiq ta' impatt billi jipproduċu riżultati tanġibbli speċifiċi u eżiti tanġibbli fi żmien 3 snin, (iii) il-bini fuq il-kokreazzjoni kostanti bejn l-Istati Membri, il-Kummissjoni u, fejn ikun il-każ, il-partijiet ikkonċernati, (iv) l-awtonomija b'attività ewlenija waħda, u (v) l-implimentazzjoni volontarja u b'ġeometrija varjabbli, biex jitħalla lok għal flessibbiltà sa fejn il-pajjiżi jistgħu jinvolve ruħhom. Il-politiki strutturali taż-ŻER u l-azzjonijiet taż-ŻER għandhom jiżguraw il-parteċipazzjoni ta' mill-inqas nofs l-Istati Membri għall-implimentazzjoni tagħhom.
3. Il-politiki strutturali taż-ŻER u l-azzjonijiet taż-ŻER, elenkati skont l-oqsma ta' prijorità kif imniżżel fil-Patt għar-R&I fl-Ewropa, huma kif ġej:

QASAM TA' PRIJORITÀ 1: APPROFONDIMENT TA' SUQ INTERN GĦALL-GĦARFIEN LI
JIFFUNZJONA VERAMENT

Suq intern għall-għarfien effiċjenti, effettiv u li jiffunzjona tajjeb, mibni fuq il-moviment liberu tar-riċerkaturi, tal-għarfien u tad-data, kif ukoll ċirkolazzjoni tal-imħuħ, huma essenzjali biex tinbena sistema Ewropea tar-R&I aktar effiċjenti u inklużiva. Dan jiżgura li l-isforzi u l-investimenti jintużaw b'mod effiċjenti u joħloq il-massa kritika meħtieġa biex tkun effettiva. Biex tissaħħaħ il-kompetittività tal-UE, huwa essenzjali li tingħata spinta lill-pożizzjoni internazzjonali u lit-tmexxija xjentifika tal-UE billi jitwettqu R&I pijuniera tul il-katina kollha tar-R&I, inkluż ix-xjenza fundamentali u applikata, u billi tingħata spinta lill-attraenza tal-UE għat-talent globali, jinżammu t-talenti fl-UE, u tingħeleb il-frammentazzjoni taż-ŻER.

Il-Kummissjoni u l-Istati Membri, f'koordinazzjoni, fejn ikun il-każ, mal-pajjiżi assoċjati u l-organizzazzjonijiet tal-partijiet ikkonċernati, ser ikomplu jaħdmu fuq din il-prijorità permezz tal-politiki strutturali taż-ŻER li ġejjin:

- Iffaċilitar tax-xjenza miftuħa permezz tal-kondiviżjoni u l-użu mill-ġdid tad-data, inkluż permezz tal-Cloud Ewropew tax-Xjenza Miftuħa (EOSC);
- Tisħiħ tas-sostenibbiltà, l-aċċessibbiltà u r-reżiljenza tal-infrastrutturi tar-riċerka fiż-ŻER;
- Tisħiħ tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-inklużività fiż-ŻER, b'mod partikolari b'approċċ intersezzjonali;
- Karrieri fir-riċerka aktar attraenti u sostenibbli, u appoġġ għall-mobilità;
- Riforma tal-valutazzjoni tar-riċerka;
- Żieda fil-kapaċitajiet u l-attivitajiet ta' valorizzazzjoni tal-għarfien;
- Implimentazzjoni tal-Approċċ Globali għar-R&I.

L-azzjonijiet taż-ŻER li ġejjin huma proposti għat-tliet snin li ġejjin:

- L-applikazzjoni tal-ekwità fix-xjenza miftuħa;
- L-avvanz tal-ekosistema Ewropea tax-Xjenza għall-Politika (S4P);
- L-iffaċilitar u l-aċċellerazzjoni tal-użu responsabbli tal-IA fix-xjenza fl-UE;
- It-titjib tas-sigurtà tar-riċerka.

QASAM TA' PRIJORITÀ 2: L-INDIRIZZAR FLIMKIEN TAT-TRANŻIZZJONI EKOLOĠIKA U T-TRASFORMAZZJONI DIĠITALI U SFIDI OĦRA B'IMPATT FUQ IS-SOĊJETÀ, U ŻIEDA FIL-PARTEĊIPAZZJONI TAS-SOĊJETÀ FIŻ-ŻER.

Biex iż-ŻER taqdi r-rwol tagħha biex tingħata spinta lill-kompetittività, tittejjeb il-kwalità tal-ħajja għan-nies fl-UE u jiġu indirizzati l-isfidi tas-soċjetà bħat-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali, jeħtieġ li toħloq sinerġiji ma' politiki oħra biex jiġu żviluppatti approċċi olisitiċi. L-investiment fir-R&I għandu jwassal għal eżiti prezzjużi li jintużaw u jiġu introdotti mis-suq, u għandu jtejjeb il-progress u l-impatt xjentifiku meta jiġu indirizzati l-ħtiġijiet tas-soċjetà.

Il-politiki strutturali li ġejjin taż-ŻER ġew identifikati bħala l-approċċi ewlenin biex jiġi indirizzat dan il-qasam ta' priJORITÀ:

- Il-pjan strateġiku għat-teknoloġija tal-enerġija (SET) isir komponent tematiku ewleni taż-ŻER;
- L-artikolazzjoni bejn ir-R&I u l-edukazzjoni għolja fi ħdan iż-ŻER tittejjeb, u jiġi sfruttat il-potenzjal sħiħ tal-ekosistemi Ewropej tar-R&I;
- Tissaħħaħ il-fiduċja fix-xjenza permezz tal-parteċipazzjoni u l-involvement taċ-ċittadini u l-komunikazzjoni xjentifika magħhom.

L-azzjonijiet taż-ŻER li ġejjin huma proposti għat-tliet snin li ġejjin:

- L-aċċellerazzjoni tal-investimenti fir-R&I għat-trasformazzjoni industrijali u sostenibbiltà kompetittiva tal-Ewropa;
- L-aċċellerazzjoni ta' metodoloġiji ġodda ta' approċċ (NAMs) biex jiġu avvanzati r-riċerka bijomedika u l-ittestjar ta' prodotti mediċinali u apparati mediċi;
- L-iżvilupp ta' qafas koerenti u kkoordinat għal approċċ Ewropew għall-integrità u l-etika fir-R&I quddiem l-isfidi li qed jitfaċċaw.

QASAM TA' PRIJORITÀ 3: IT-TITJIB TAL-AĊĊESS GĦAL EĊĊELLENZA FIR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI FL-UNJONI KOLLHA U T-TITJIB TAL-INTERKONNESSJONIJIET BEJN L-EKOSISTEMI TAL-INNOVAZZJONI FL-UNJONI KOLLHA.

L-eċċellenza fir-riċerka mifruxa mal-Ewropa kollha, u tolqot l-etajiet, id-dixxiplini u s-setturi kollha. Il-potenzjal sħiħ tagħha għad irid jiġi sfruttat minħabba disparitajiet sinifikanti fl-opportunitajiet għar-riċerkaturi u l-innovaturi fiż-ŻER.

Il-politika strutturali taż-ŻER li ġejja ġiet identifikata bħala approċċ ċentrali biex jiġi indirizzat dan il-qasam ta' prijorità:

- It-titjib tal-aċċess tal-UE għall-eċċellenza.

L-azzjoni taż-ŻER li ġejja hija proposta għat-tliet snin li ġejjin:

- It-tisħiħ tal-mezzi tar-R&I: Era ġdida fil-ġestjoni tar-riċerka.

QASAM TA' PRIJORITÀ 4: L-AVVANZ FL-INVESTIMENTI U R-RIFORMI MIFTIEHMA FIR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI

Peress li l-UE tiffoka fuq oqsma ewlenin għall-kompetittività, is-sostenibbiltà u l-benesseri futuri, ikun kontroproduktiv li l-investiment u l-inizjattivi tar-R&I jiġu duplikati, sostitwiti jew frammentati. Il-kooperazzjoni tranżnazzjonali tagħti spinta lill-effiċjenza billi tiġbor flimkien ir-riżorsi biex tinkiseb massa kritika u jiżdiedu l-effetti kollaterali tal-għarfien biex tingħata spinta lir-R&I. F'xi każijiet, biex jiġi żgurat li dawn l-investimenti jkunu effiċjenti u jħallu impatt ser ikun hemm bżonn ukoll li jitfasslu, jiġu implimentati u mmonitorjati riformi strutturali fis-sistemi nazzjonali tar-riċerka u l-iżvilupp (R&Ż). L-għan ta' dawn ir-riformi huwa li tiżdied l-eċċellenza xjentifika, tiġi stabbilita kultura fejn ir-riżultati tar-riċerka jkunu valorizzati, jittejjbu r-rabtiet bejn ix-xjenza u n-negozju u jissaħħu l-politiki li jappoġġaw l-innovazzjoni tan-negozju.

Ma hemm l-ebda politika strutturali jew azzjoni speċifika taż-ŻER proposta fil-qafas ta' dan l-oġettiv. Madankollu, il-Kummissjoni Ewropea u l-Istati Membri jibqgħu impenjati li jaħdmu flimkien mill-qrib bl-użu ta' sett ta' strumenti eżistenti. B'mod aktar preċiż, l-implimentazzjoni tal-miżuri tar-R&I fil-qafas tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza tal-UE hija mistennija li tagħti spinta lill-kapaċità ta' R&I nazzjonali, speċjalment f'pajjiżi li għadhom lura.

Permezz tas-Semestru Ewropew ta' koordinazzjoni tal-politika ekonomika, il-Kummissjoni Ewropea twettaq analiżi fil-fond tas-sistemi nazzjonali tar-R&I u toħroġ rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż dwar kif jista' jissaħħaħ il-potenzjal tal-innovazzjoni ta' kull pajjiż. Il-Kummissjoni mbagħad timmonitorja r-reazzjonijiet ta' politika mill-Istati Membri biex tivvaluta l-progress li jkun sar biex jitnaqqsu d-distakki identifikati fir-R&I. Biex jiġu appoġġati l-isforzi tagħhom biex itejbu s-sistemi tar-R&I tagħhom permezz ta' riformi, l-Istati Membri u, fejn ikun il-każ, il-pajjiżi assoċjati, jistgħu jirċievu appoġġ espert fil-qafas tal-Faċilità ta' Appoġġ għall-Politiki ta' Orizzont, strument li wera li huwa ta' benefiċċju kbir fit-titjib tat-tfassil tal-politika u fl-identifikazzjoni ta' perkorsi ta' riforma, u d-Djalogu Politiku Msaħħaħ bilaterali mal-Istati Membri, u fejn ikun il-każ, mal-pajjiżi assoċjati, dwar suġġetti ta' R&I maqbula b'mod komuni.

4. Il-qafas kollaborattiv stabbilit fil-KŻER, li jagħti pariri u orjentazzjonijiet strateġiċi ċari dwar ir-R&I, u fil-Forum taż-ŻER, responsabbli li jtejjeb il-koordinazzjoni biex issir l-implimentazzjoni effettiva tal-Aġenda ta' Politika taż-ŻER, għandu jinżamm bħala mekkaniżmu ċentrali tal-governanza taż-ŻER. L-implimentazzjoni tal-Aġenda ta' Politika taż-ŻER 2025-2027 li jmiss għandha tibqa' sforz inklużiv u trasparenti fil-livelli kollha ta' governanza biex jitrawmu l-kokreazzjoni u s-sjieda tal-aġenda. Il-Forum taż-ŻER għandu jkompli jidentifika l-isfidi emerġenti, barra mill-attivitajiet tal-Aġenda ta' Politika taż-ŻER 2025-2027, li jirrikjedu kollaborazzjoni bejn pajjiż u ieħor u huma koperti mill-Patt għar-R&I, bħal segwitu dwar il-libertà tar-riċerka xjentifika u t-tisħiħ tat-tmexxija xjentifika tal-Ewropa.

5. Il-politiki u l-azzjonijiet strutturali taż-ŻER għandhom jiġu implimentati mill-Istati Membri b'mod volontarju u abbażi tal-prinċipju ta' ġeometrija varjabbli, f'konformità mal-paragrafu 2 ta' din ir-rakkomandazzjoni. Huwa rrakkomandat li l-Istati Membri jinvolvu lir-reġjuni u lill-partijiet ikkonċernati nazzjonali tagħhom biex jappoġġaw l-implimentazzjoni tal-Aġenda ta' Politika taż-ŻER 2025-2027. L-implimentazzjoni koordinata għandha tiżgura l-involviment attiv u wiesa' tal-partijiet ikkonċernati fil-livell tal-UE fl-ispettru kollu kemm hu, mir-riċerka sal-innovazzjoni u l-użu fis-suq. Il-kategoriji tal-partijiet ikkonċernati fil-Forum taż-ŻER għandhom jiġu rieżaminati biex tiġi esplorata l-aħjar rappreżentanza tal-interessi differenti, b'mod partikolari s-settur privat u s-soċjetà ċivili.
6. L-Istati Membri u l-Kummissjoni Ewropea għandhom ikomplu jappoġġaw l-involviment sħiħ tal-pajjiżi assoċjati mal-programm Orizzont Ewropa u tal-organizzazzjonijiet tal-partijiet ikkonċernati umbrella fil-livell tal-UE fl-implimentazzjoni tal-Aġenda ta' Politika taż-ŻER 2025-2027.
7. L-investiment fir-R&I fl-UE ma jilħaqx l-aspirazzjonijiet u jibqa' taħt il-livell ta' investiment f'bosta mill-kompetituri globali tal-UE. Bħalissa, l-UE tonfoq madwar 2.3 % tal-PDG tagħha fuq ir-R&Ż, ammont ferm taħt il-mira ta' 3 % stabbilita fl-2002 fid-Dikjarazzjoni ta' Barċellona. Biex tintlaħaq l-isfida multidimensjonali li tintlaħaq il-mira ta' 3 % tal-PDG, jeħtieġ li jkun hemm impenn politiku mġedded biex tingħata spinta lill-investiment pubbliku u privat fir-R&Ż fi ħdan il-qafas tal-mezzi disponibbli. Hemm bżonn ukoll ta' iktar riformi biex jittejbu l-ekosistemi tar-R&I nazzjonali u jiġi massimizzat l-impatt ta' żieda fl-investiment fir-R&I. Flimkien mal-Patt għall-qasam ta' prijetà tar-R&I "L-avvanz ta' investimenti u riformi miftiehma fir-R&I", l-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom ikomplu bl-isforzi tagħhom f'din id-direzzjoni.

8. Il-Kummissjoni Ewropea għandha tkompli timplimenta l-mekkaniżmu ta' monitoraġġ taż-ŻER deskritt fil-Patt għar-R&I fl-Ewropa u spjegat fid-dettall fil-"Qafas għall-Mekkaniżmu ta' Monitoraġġ taż-ŻER Futur" ippreżentat mill-Kummissjoni lill-Kunsill fl-10 ta' Ġunju 2022⁶. Il-mekkaniżmu ta' monitoraġġ taż-ŻER ser jivvaluta l-progress li jkun sar biex jinkisbu l-prijoritajiet taż-ŻER, kif definiti fil-Patt għar-R&I. Il-mekkaniżmu ta' monitoraġġ taż-ŻER għandu jikkonsisti minn:

- (1) Tabella ta' valutazzjoni taż-ŻER biex jiġi monitorjat il-progress biex jinkisbu l-oġettivi taż-ŻER kemm fil-livell tal-UE kif ukoll f'dak nazzjonali, aġġornata regolarmen;
- (2) rapport triennali ta' monitoraġġ taż-ŻER mill-Kummissjoni lill-Kunsill biex tiġi rieżaminata l-implimentazzjoni tal-aġenda ta' politika taż-ŻER,
- (3) rapporti triennali tal-pajjiżi taż-ŻER biex jiġi rieżaminat il-progress tal-pajjiżi fl-implimentazzjoni tal-Aġenda ta' Politika taż-ŻER filwaqt li jiġi żgurat li ma jkun hemm l-ebda piż addizzjonali għall-Istati Membri.

L-Istati Membri għandhom ikomplu jiskambjaw l-informazzjoni dwar iż-ŻER, b'mod partikolari billi jipprovdu data u informazzjoni permezz tal-Pjattaforma ta' Politika taż-ŻER. L-Istati Membri għandhom jippromwovu wkoll l-implimentazzjoni tal-politiki strutturali taż-ŻER u l-azzjonijiet u r-riżultati rilevanti fil-pajjiżi tagħhom, bl-użu tal-appoġġ disponibbli.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President

⁶ 9578/22.

ANNES

Spjegazzjoni dettalljata tal-politiki strutturali taż-ŻER u l-azzjonijiet taż-ŻER

Il-proposti għall-politiki strutturali taż-Żona Ewropea tar-Riċerka (ŻER) u l-azzjonijiet taż-ŻER huma deskritti f'aktar dettall fl-ordni li ġejja. *Sa fejn it-tali politiki u azzjonijiet iwasslu għal rekwiżiti ta' finanzjament mill-baġit tal-UE, l-istess finanzjament huwa limitat għall-mezzi disponibbli taħt il-Qafas Finanzjarju Pluriennali attwali 2021-2027.*

Politiki strutturali taż-ŻER

- L-iffaċilitar tax-xjenza miftuħa permezz tal-kondiviżjoni u l-użu mill-ġdid tad-data, inkluż permezz tal-Cloud Ewropew tax-Xjenza Miftuħa (EOSC)
- It-tisħiħ tas-sostenibbiltà, l-aċċessibbiltà u r-reżiljenza tal-infrastrutturi tar-riċerka fiż-ŻER
- It-tisħiħ tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-inklużività fiż-ŻER, b'mod partikolari b'approċċ intersezzjonali
- Nagħmlu l-karrieri fir-riċerka aktar attraenti u sostenibbli, u nappoġġaw il-mobbiltà
- Ir-riforma tal-valutazzjoni tar-riċerka
- Żieda fil-kapaċitajiet u l-attivitajiet ta' valorizzazzjoni tal-ġharfien
- L-implimentazzjoni tal-Approċċ Globali għar-R&I
- Nagħmlu l-pjan strateġiku għat-teknoloġija tal-enerġija (SET) komponent tematiku ewlieni taż-ŻER
- It-titjib tal-artikolazzjoni bejn l-R&I u l-edukazzjoni għolja fi ħdan iż-ŻER u l-isfruttar tal-potenzjal sħiħ tal-ekosistemi Ewropej tar-R&I

- It-tisħiħ tal-fiduċja fix-xjenza permezz tal-parteċipazzjoni u l-involvement taċ-ċittadini u l-komunikazzjoni xjentifika
- Intejbu l-aċċess tal-UE għall-eċċellenza

Azzjonijiet taż-ŻER

- L-applikazzjoni tal-ekwità fix-xjenza miftuħa
- L-avvanz tal-ekosistema Ewropea tax-Xjenza għall-Politika (S4P)
- L-iffaċilitar u l-aċċellerazzjoni tal-użu responsabbli tal-IA fix-xjenza fl-UE
- It-tishih tas-sigurtà tar-riċerka
- L-aċċellerazzjoni tal-investimenti fir-R&I għat-trasformazzjoni industrijali u s-sostenibbiltà kompetittiva tal-Ewropa
- L-aċċellerazzjoni ta' metodoloġiji ġodda ta' approċċ (NAMs) biex isir progress fir-riċerka bijomedika u l-ittestjar ta' prodotti mediċinali u apparati mediċi
- L-iżvilupp ta' qafas koerenti u koordinat għal approċċ Ewropew għall-integrità u l-etika fir-R&I quddiem l-isfidi emerġenti.
- L-għoti tas-setgħa lir-R&I: era ġdida fil-ġestjoni tar-riċerka

Politiki strutturali taż-ŻER

- 1. IFFAĊILITAR TAX-XJENZA MIFTUĦA PERMEZZ TAL-KONDIVIŻJONI U L-UŻU MILL-ĠDID TAD-DATA, INKLUŻ PERMEZZ TAL-CLOUD EWROPEW TAX-XJENZA MIFTUĦA (EOSC);**

Objettivi

- Il-prattiki u l-ħiliet tax-xjenza miftuħa jiġu ppremjati u mġallma, u jsiru n-"normalità ġdida";

- l-istandards, l-għodod u s-servizzi jippermettu lir-riċerkaturi jsibu, jaċċessaw, jużaw mill-ġdid u jikkombinaw ir-riżultati;
- l-użu u ż-żamma ta' infrastruttura federata mmexxija mill-komunità li tippermetti l-kondiviżjoni miftuħa tar-riżultati xjentifiċi;
- l-Ewropa tkun fuq quddiem nett lejn web ta' data tar-riċerka FAIR⁷ b'rabtiet stabbiliti ma' spazji oħra tad-data;
- ir-riċerkaturi jingħataw kundizzjonijiet legali u riżorsi aħjar biex jaċċessaw u jużaw mill-ġdid ir-riżultati tar-riċerka ffinanzjati pubblikament u jużaw pubblikazzjonijiet u data għal finijiet xjentifiċi.

Deskrizzjoni

Din il-politika strutturali għandha l-għan li tikseb qabża fil-kwalità fost il-komunitajiet tar-riċerka u l-infrastrutturi tar-riċerka fl-Ewropa. Ser tfittex li toħloq qafas legali tal-UE aħjar għall-kondiviżjoni miftuħa, l-aċċess bla xkiel u l-użu mill-ġdid affidabbli tad-data tar-riċerka u oġġetti oħra tar-riċerka diġitali użati u prodotti tul iċ-ċiklu tal-ħajja tar-riċerka. Eżempji ta' attivitajiet huma:

- il-promozzjoni tal-użu tan-Nodu tal-UE tal-EOSC mill-komunità Ewropea tar-riċerka;
- l-appoġġ tat-tkabbir tal-Federazzjoni tal-EOSC b'diversi nodi, u l-iżgurar tal-iskalabbiltà tagħha permezz ta' standards komuni tal-Federazzjoni tal-EOSC u politiki ta' użu, mill-2025;
- it-tweġġ ta' aktar konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati u l-ġbir ta' aktar evidenza dwar l-għażliet ta' politika identifikati biex il-qafas leġiżlattiv u regolatorju tal-UE dwar id-drittijiet tal-awtur u d-data jkun adattat għar-riċerka;
- l-espansjoni tal-qafas ta' monitoraġġ tal-EOSC b'metodoloġiji tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku biex jiġi vvalutat l-impatt tal-politiki u l-prattiki relatati.

⁷ Traċċabbli, Aċċessibbli, Interoperabbli u Riutilizzabbli

Eżiti mistennija

- L-iżvilupp ta' federazzjoni tal-EOSC ta' valur għoli u ż-żieda fl-użu tagħha;
- iż-żieda fl-ammont u l-produttività tad-data tar-riċerka FAIR fl-Ewropa;
- l-identifikazzjoni tal-oqsma għal miżuri u inizjattivi li jippermettu qafas tal-UE dwar id-drittijiet tal-awtur u d-data adattat għar-riċerka;
- il-valutazzjoni tal-impatt tal-politiki u l-prattiki tax-xjenza miftuħa abbażi ta' pjattaforma ta' intelliġenza dwar il-politika tax-xjenza miftuħa.

2. TISĦIĦ TAS-SOSTENIBBILTÀ, L-AĊĊESSIBBILTÀ U R-REŻILJENZA TAL-INFRASTRUTTURI TAR-RIĊERKA FIŻ-ŻER

Objettivi

- Servizzi msaħħa tal-infrastruttura tar-riċerka (RI), adattati aħjar għall-ħtiġijiet tal-utenti, fil-kuntest tal-isfidi xjentifiċi, teknoloġiċi u tal-innovazzjoni kontemporanji u emerġenti u l-prijoritajiet tal-politika tal-UE;
- ekosistema Ewropea msaħħa tal-RI inkluż permezz tal-konsolidazzjoni tal-RI eżistenti u l-identifikazzjoni ta' proġetti ġodda tal-RI li jimlew il-lakuni;
- il-ħolqien ta' skemi aktar integrati u sostenibbli biex isaħħu l-aċċess għall-RI u s-servizzi tagħhom, b'mod partikolari għar-riċerkaturi u l-innovaturi minn madwar iż-ŻER;
- impatt imsaħħaħ fuq ir-riċerka u s-soċjetà u involviment imsaħħaħ mal-industrija;
- il-ħolqien ta' rabtiet aħjar u, fejn xieraq, interoperabbiltà bejn tipi differenti ta' infrastrutturi (RIs, infrastrutturi tat-teknoloġija, infrastrutturi elettroniki, infrastrutturi tad-data);
- inħeġġu involviment akbar tal-partijiet ikkonċernati fl-attivitajiet tal-RI.

Deskrizzjoni

Din il-politika strutturali tiżgura l-ftuħ, l-aċċessibbiltà u s-sigurtà ta' RI sostenibbli ta' klassi dinjija għar-riċerkaturi u l-innovaturi madwar iż-ŻER, tiżviluppa aktar u tikkonsolida r-RI, il-funzjoni integrattiva tagħhom fl-ekosistema tar-R&I u l-potenzjal tagħhom li jindirizzaw il-prijoritajiet tal-UE. Strateġija fit-tul tissimplifika x-xenarju tal-RI u tidentifika u tipprijoritizza s-servizzi u t-teknoloġiji tal-RI meħtieġa biex tingħata spinta lill-kompetittività u l-awtonomija strateġika tal-UE fil-qasam tax-xjenza u t-teknoloġija u l-kapaċità tagħha li ssolvi l-isfidi tas-soċjetà.

- L-iżvilupp ta' strateġija fit-tul dwar il-RIs;
- it-twettiq ta' monitoraġġ ċar tal-prestazzjoni tal-RIs differenti;
- it-twettiq ta' analiżi ċara tal-appoġġ finanzjarju lill-RIs;
- it-twettiq ta' analiżi strateġika tax-xenarju għall-RIs fl-Ewropa.

Eżiti mistennija

- **Minn attivitajiet fit-tul u rikorrenti:** (1) strateġija fit-tul tal-UE għall-infrastrutturi tar-riċerka inkluż approċċ strateġiku ġdid għall-appoġġ tal-UE għall-infrastrutturi tar-riċerka; (2) pjan direzzjonali għall-2026 tal-Forum Strateġiku Ewropew għall-Infrastrutturi tar-Riċerka (ESFRI) u elementi ewlenin għall-analiżi tax-xenarju tal-2028, (3) monitoraġġ tal-punti importanti tal-ESFRI; (4) l-involviment tal-partijiet ikkonċernati (rapporti ta' avvenimenti/attivitajiet).
- **Minn attivitajiet b'terminu qasir, rapporti b'rakkomandazzjonijiet dwar:** (1) il-finanzjament, inkluż is-sinerġiji mal-finanzjament nazzjonali u reġjonali, l-UE u sorsi oħra, (2) il-kooperazzjoni internazzjonali, filwaqt li jitqiesu l-kunsiderazzjonijiet tas-sigurtà tar-riċerka; (3) valutazzjoni tal-impatt tal-ESFRI; (4) ir-reżiljenza u l-ekoloġizzazzjoni tal-infrastrutturi tar-riċerka Ewropej; (5) it-tisħiħ ulterjuri tal-ERICs bħala parti mill-ekosistema tal-RI.

3. TISĦIĦ TAL-UGWALJANZA BEJN IL-ĠENERI U L-INKLUŻIVITÀ FIŻ-ŻER, B'MOD PARTIKOLARI B'APPROĊĊ INTERSEZZJONALI

Objettivi

- L-appfondiment tad-djalogu ta' politika u l-koordinazzjoni tal-politiki u l-azzjonijiet fost l-Istati Membri, u fejn xieraq, pajjiż assoċjati u partijiet ikkonċernati, dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-inklużività, partikolarment b'approċċ intersezzjonali fir-R&I, inkluż bidliet istituzzjonali/strutturali permezz ta' pjanijiet inklużivi għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri (GEP), l-integrazzjoni tad-dimensjoni tal-ġeneru fil-kontenut tar-R&I, it-tmim tal-vjolenza abbażi tal-ġeneru, u l-iżvilupp ta' bbaġitjar skont il-ġeneru;
- isir progress fl-ugwaljanza u l-inklużività bejn il-ġeneri, b'mod partikolari b'approċċ intersezzjonali, fir-R&I permezz tal-adozzjoni u l-irfinar tar-rakkomandazzjonijiet u l-għodod eżistenti;
- it-titjib tal-ġbir, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tad-data dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-inklużività, partikolarment b'approċċ intersezzjonali fir-R&I biex jiġu identifikati Prattiki u sfidi ta' suċċess u kwalunkwe lakuna li għandha tiġi indirizzata minn politiki u miżuri futuri;
- it-tnaqqis tad-differenzi ġeografiċi fl-indirizzar tal-ugwaljanza u l-inklużività bejn il-ġeneri, b'mod partikolari b'approċċ intersezzjonali, fost l-Istati Membri u, fejn xieraq, il-pajjiżi assoċjati;
- Il-kisba ta' rata ogħla ta' parteċipazzjoni tan-nisa u tar-riċerkaturi sottorappreżentati, it-titjib tal-kwalità tal-kundizzjonijiet tax-xogħol (u tal-istudju) filwaqt li tiġi żgurata l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, il-bilanċ bejn il-ġeneri, l-opportunitajiet indaqs u l-inklużività għal riċerkaturi minn oqsma differenti inkluż il-gruppi sottorappreżentati u marġinalizzati, ir-reklutaġġ, il-promozzjoni u l-allokazzjoni baġitarja aktar ġusta, id-disponibbiltà ta' miżuri ta' bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, ambjenti aktar sikuri mingħajr vjolenza bejn il-ġeneri, bilanċ aħjar bejn il-ġeneri f'pożizzjonijiet ta' teħid ta' deċiżjonijiet, u outputs tar-R&I imparzjali u ta' kwalità ogħla.

Deskrizzjoni

Din il-politika strutturali ser ittejjeb il-kwalità u r-rilevanza soċjetali tar-R&I, tgħin biex tattira u żżomm talent aktar divers fis-sistema tar-R&I tal-Ewropa, u tgħin biex jiġi żgurat li kulħadd ikun jista' jimmassimizza l-potenzjal tiegħu, filwaqt li turi li l-UE għadha impenjata filwaqt li tiegħu pożizzjoni ta' tmexxija fil-livell internazzjonali biex tiżgura ugwaljanza bejn il-ġeneri u inklużività, partikolarment b'approċċ intersezzjonali, fir-R&I.

Eżiti mistennija

- It-tfassil ta' approċċ ta' monitoraġġ u evalwazzjoni għall-implimentazzjoni effettiva ta' GEPs inklużivi;
- l-iżvilupp ta' linji gwida għall-implimentazzjoni ta' approċċ intersezzjonali fil-politika tar-R&I, inkluż fil-ġbir, l-għażla u l-analiżi tal-indikaturi;
- it-tfassil ta' approċċ ta' monitoraġġ u evalwazzjoni li jżid l-adozzjoni tal-integrazzjoni tad-dimensjoni tal-ġeneru fil-kontenut tar-R&I;
- mekkaniżmu msaħħaħ għall-integrazzjoni tal-ġeneri għal sinerġiji ma' azzjonijiet oħra taż-ŻER fil-livell tal-UE u dak nazzjonali;
- l-implimentazzjoni tal-Kodiċi ta' Kondotta dwar il-vjolenza abbażi tal-ġeneru fir-R&I żviluppat mill-Azzjoni 5 tal-Aġenda ta' Politika taż-ŻER 2022-2024;
- prinċipji żviluppati għall-ibbaġitjar skont il-ġeneru u t-traċċar tal-infiq fir-R&I.

4. NAGĦMLU L-KARRIERI FIR-RIĊERKA AKTAR ATTRAENTI U SOSTENIBBLI, U NAPPOĠĠAW IL-MOBBILTÀ

Objettivi

- Jitrawwem rikonoxximent tal-professjonijiet tar-riċerka, u l-interoperabbiltà u l-komparabbiltà tal-karrieri fir-riċerka fis-setturi u fl-Istati Membri kollha, f'konformità mar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar qafas Ewropew biex jiġu attirati u jinżammu t-talenti fir-riċerka, fl-innovazzjoni u fl-intraprenditorija fl-Ewropa;
- it-titjib tal-kundizzjonijiet tar-reklutaġġ u tax-xogħol, inkluż aspetti relatati ma' reklutaġġ miftuħ, trasparenti u bbażat fuq il-mertu (OTM-R);
- it-tisħiħ tal-ħiliet tar-riċerkaturi biex jitrawmu karrieri intersettorjali u interdixxiplinari;
- l-appoġġ tal-iżvilupp aħjar tal-karriera u progressjoni aħjar fiha u t-tfassil ta' perkorsi ġodda ta' investiment biex titnaqqas il-prekarjetà u jitwessa' l-ispettru tal-opportunitajiet ta' karriera;
- il-ħidma lejn ċirkolazzjoni aktar bilanċjata tat-talenti, inkluż il-flussi intersettorjali;
- l-iżgurar ta' data effettiva u affidabbli mill-Osservatorju tal-Karrieri fir-Riċerka u l-Innovazzjoni (ReICO);
- il-ħolqien ta' sinerġiji ma' azzjonijiet ta' politika taż-ŻER relatati oħra u ma' inizjattivi attwali u futuri relatati tal-UE, partikolarment dawk li jappoġġaw il-mobbiltà tar-riċerkaturi fl-Ewropa, bħall-pakkett tal-Kummissjoni dwar il-mobbiltà tal-ħiliet u tat-talenti.

Deskrizzjoni

Il-politika strutturali għandha l-għan li tagħmel il-karrieri fir-riċerka fl-Ewropa aktar attraenti u sostenibbli, billi tappoġġa l-implimentazzjoni konġunta mill-UE, l-Istati Membri, u fejn xieraq, il-pajjiżi assoċjati, u l-partijiet ikkonċernati tal-azzjonijiet kollha li jirriżultaw mill-azzjoni 4 tal-Aġenda ta' Politika taż-ŻER 2022-2024, u billi timmonitorja l-eżiti tal-implimentazzjoni ta' dawn l-inizjattivi u r-riformi fil-prattika. L-azzjoni ser tinkludi skambji ta' Prattiki Tajbin, l-iżvilupp ta' linji gwida u rakkomandazzjonijiet, u l-kontribut għall-konsolidazzjoni tar-ReICO.

Eżiti mistennija

- Linji gwida stabbiliti b'mod konġunt għall-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar qafas Ewropew biex jiġu attirati u miżmuma t-talenti fir-riċerka, fl-innovazzjoni u dawk intraprenditorjali fl-Ewropa għal impjiegi ta' kwalità aħjar u għal suq tax-xogħol tar-riċerka li jiffunzjona aħjar;
- komunità ta' Prattika biex jinqasmu l-esperjenzi u jissaħħu l-karrieri fir-riċerka fil-livell Ewropew, nazzjonali, reġjonali u organizzazzjonali;
- ReICO kkonsolidat bl-involviment ta' atturi rilevanti barra l-komunità tar-R&I, u l-eliminazzjoni konġunta tal-lakuni;
- rakkomandazzjonijiet għal żvilupp aħjar tal-karriera u progress fil-karriera, inklużi mudelli Ewropej simili għal dawk għat-traċċar taż-żamma fil-kariga u mekkaniżmi ta' valutazzjoni u finanzjament relatati;
- il-kokreazzjoni ta' perkorsi ta' investiment, il-ġbir flimkien u l-koordinazzjoni tal-forzi u t-tfassil konġunt ta' inizjattivi biex titnaqqas il-prekarjetà u jiġu ffaċilitati l-perkorsi tal-karriera għall-karrieri mhux akkademiċi fir-riċerka.

5. IR-RIFORMA TAL-VALUTAZZJONI TAR-RIĊERKA

Objettivi

- Li jsiru bidliet istituzzjonali biex tittejjeb il-valutazzjoni tar-riċerka;
- il-kejl tal-livell ta' progress li sar bir-riformi fil-valutazzjoni tar-riċerka;
- iż-żieda tal-għarfien u s-sensibilizzazzjoni dwar ir-riformi;
- l-identifikazzjoni ta' lakuni fir-riformi, kwalunkwe fattur li jillimita jew jibblokka, u miżuri ulterjuri meħtieġa;
- Fl-aħħar mill-aħħar, l-għajjnuna biex jiżdiedu l-kwalità, il-prestazzjoni u l-impatt tar-riċerka u għalhekk biex il-karrieri fir-riċerka jsiru aktar attraenti.

Deskrizzjoni

Il-mod kif il-proġetti ta' riċerka, ir-riċerkaturi, l-unitajiet tar-riċerka u l-istituzzjonijiet tar-riċerka huma vvalutati bħalissa għadu bbażat ħafna fuq sett limitat ta' outputs u attivitajiet tar-riċerka, prinċipalment pubblikazzjonijiet, u ddominat minn xi użi mhux xierqa ta' diversi indikaturi u metodi li jkeġlu l-kwalità, il-prestazzjoni u l-impatt tar-riċerka.

- L-identifikazzjoni u l-kondiviżjoni wiesgħa ta' prattiki tajbin, settijiet ta' għodod u rakkomandazzjonijiet, għall-valutazzjoni tar-riċerka;
- l-organizzazzjoni ta' djalogi internazzjonali, disseminazzjoni u avvenimenti ta' taġġlim reċiproku mill-Kummissjoni, il-Koalizzjoni għall-Avvanz tal-Valutazzjoni tar-Riċerka (CoARA) u l-Istati Membri;
- l-implimentazzjoni ta' riformi fil-valutazzjoni tar-riċerka fl-istituzzjonijiet tar-riċerka;
- it-tweġġ ta' studju biex jiġu identifikati l-bidliet li saru fl-oqfsa nazzjonali, il-bidliet implimentati mill-istituzzjonijiet tar-riċerka, u l-bidliet mistennija mill-pjanijiet ta' azzjoni tal-firmatarji tal-Ftehim dwar ir-Riforma tal-Valutazzjoni tar-Riċerka;
- djalogi nazzjonali kontinwi bejn l-awtoritajiet nazzjonali u l-organizzazzjonijiet tar-riċerka.

Eżiti mistennija

- L-għarfien, is-sensibilizzazzjoni, u l-involviment fil-prattiki ta' valutazzjoni tar-riċerka u r-riformi mqajma mill-CoARA, l-organizzazzjonijiet tar-riċerka (inkluż l-organizzazzjonijiet li jwettqu r-riċerka, dawk li jiffinanzjaw ir-riċerka u dawk li jivvalutaw ir-riċerka), l-awtoritajiet nazzjonali u l-istituzzjonijiet tal-UE;
- l-appoġġ, l-immappjar u l-analiżi tal-bidliet li saru fl-oqfsa nazzjonali u fl-istituzzjonijiet ta' riċerka individwali;
- l-identifikazzjoni ta' kwalunkwe lakuna li fadal fir-riformi u ta' kwalunkwe miżura li tkun għadha meħtieġa fil-livelli kollha (istituzzjonali, nazzjonali u Ewropew).

6. ŻIEDA FIL-KAPAĊITAJIET U L-ATTIVITAJIET TA' VALORIZZAZZJONI TAL-GĦARFIEN

Objettivi

- It-tisħiħ tal-valorizzazzjoni u l-użu tal-għarfien, il-ħiliet u l-appoġġ professjonali;
- It-titjib tal-aċċess u l-użu tal-assi intellettuali u d-data derivata mir-riċerka u l-innovazzjoni;
- Il-konsolidazzjoni tal-kultura tal-valorizzazzjoni tal-għarfien.

Deskrizzjoni

L-UE qed tiffaċċa sfidi fit-trasformazzjoni tar-riżultati tar-riċerka u l-innovazzjoni f'użu soċjetali u valur ekonomiku u fiż-żamma tal-valur fl-UE, li huwa vitali għall-funzjonament tas-suq intern. Din il-politika strutturali ser tfittex li tagħmel ix-xenarju tal-għarfien Ewropew aktar koerenti billi

- Tibni l-kapaċità tal-intermedjarji biex jissaħħu r-rabtiet bejn l-akkademja, l-industrija u l-awtoritajiet pubbliċi;
- ittejjeb l-aċċess għall-assi intellettuali u s-salvagwardja tagħhom b'mod partikolari permezz ta' liċenzjar responsabbli u approċċ ta' governanza kondiviża tad-data;
- issaħħaħ il-kapaċitajiet u l-ħiliet ta' valorizzazzjoni tal-atturi tar-R&I inkluż l-organizzazzjonijiet tar-riċerka u ta' finanzjament;
- iżżid l-użu tar-riżultati mir-riċerka multidixxiplinari inkluż ix-xjenzi soċjali, l-arti u x-xjenzi umanistiċi;
- ittejjeb il-qafas tal-kejl għall-qbid ta' valur soċjetali usa' maħluq.

Eżiti mistennija

- Skema Ewropea dwar prinċipji ta' liċenzjar responsabbli u approċċ ta' governanza kondiviża tad-data biex tiġi ffaċilitata kollaborazzjoni transsettorjali akbar u benefiċċju kemm għan-negozji kif ukoll għas-soċjetà, filwaqt li jitqiesu l-kunsiderazzjonijiet tas-sigurtà tar-riċerka;
- "laboratorji tat-tagħlim għall-ħolqien tal-valur" biex jiġu żviluppati ħiliet dwar il-valorizzazzjoni tal-għarfien u l-intraprenditorija permezz ta' taħriġ immirat, tagħlim bejn il-pari u kuntatt ma' mudelli eżemplari;
- gwida politika dwar iż-żieda u l-aċċellerazzjoni tal-adozzjoni tar-riżultati tar-R&I ta' natura multidixxiplinari fiż-Żona Ewropea tar-Riċerka, ibbażata fuq studju ta' sfond tal-Kummissjoni u fuq il-ħidma biex tinholq komunità ddedikata;
- qafas ta' kejl komprensiv li jiġbor l-ispettru wiesa' ta' attivitajiet ta' valorizzazzjoni tal-għarfien għall-monitoraġġ tal-prestazzjoni taż-ŻER f'dan il-qasam.

7. L-IMPLIMENTAZZJONI TA' APPROĊĠ GLOBALI GĦAR-R&I

Objettivi

- Li jiġi ggarantit li l-Aġenda ta' Politika taż-ŻER 2025-2027 tinkludi d-dimensjoni internazzjonali, bħala karatteristika trażversali, fit-tul u fundamentali tal-ekosistema tar-R&I.
- it-tisħiħ tal-interfaċċa bejn ix-xjenza, il-politika u d-diplomazija;
- l-indirizzar tal-isfidi globali filwaqt li jiġu protetti l-interessi strateġiċi, il-valuri u l-prinċipji tal-Unjoni, tal-Istati Membri tagħha u, fejn xieraq, tal-pajjiżi assoċjati;
- il-promozzjoni ta' kundizzjonijiet ekwi fil-livell tal-UE fil-kooperazzjoni internazzjonali fir-R&I;
- l-approfondiment tal-għarfien dwar il-kooperazzjoni bilaterali mmexxija mill-Istati Membri u, fejn xieraq, pajjiżi assoċjati ma' pajjiżi mhux tal-UE.

Deskrizzjoni

Fl-isfond tal-bidliet fundamentali fl-ambjent ġeopolitiku, xjentifiku u teknoloġiku, l-UE għandha ssir aktar strateġika fl-użu tas-setgħa tal-kooperazzjoni internazzjonali fir-riċerka u l-innovazzjoni, kif ukoll fil-promozzjoni tal-prinċipji u l-valuri komuni tal-UE.

Din il-politika strutturali ser tiġi segwita billi jitwettqu attivitajiet u diskussjonijiet tas-Sottogrupp Permanenti tal-Forum taż-ŻER dwar l-Approċċ Globali għar-R&I:

- l-immappjar rikorrenti tal-kooperazzjoni xjentifika bilaterali u multilaterali tal-Istati Membri u, fejn xieraq, tal-pajjiżi assoċjati u tal-partijiet ikkonċernati;
- it-trawwim ta' sinerġiji ma' programmi u inizjattivi oħra tal-UE bħall-Global Gateway;
- il-koordinazzjoni u l-allinjament mal-azzjonijiet l-oħra taż-ŻER bħal dik proposta dwar is-sigurtà tar-riċerka;
- l-għoti ta' kontribut u gwida dwar kif tista' tissaħħaħ id-dimensjoni internazzjonali tal-programm qafas li jmiss.

Eżiti mistennija

- Qafas Ewropew għad-diplomazija xjentifika (2025);
- pjan direzzjonali għal djalogu multilaterali dwar il-valuri u l-prinċipji għall-kooperazzjoni internazzjonali fir-riċerka u l-innovazzjoni (2025);
- inizjattivi pilota ġodda tal-approċċ ta' Tim Ewropa, inkluż l-Amerka Latina u l-Karibew fl-2025 u l-Indja fl-2026; u l-espansjoni tal-approċċi attwali ta' Tim Ewropa għall-Afrika u ċ-Ċina;
- opinjoni dwar kif għandhom jiġu organizzati attivitajiet internazzjonali ta' kooperazzjoni fir-R&I ma' pajjiżi terzi fil-qafas tal-programm qafas li jmiss.

8. IL-PJAN STRATEĠIKU GĦAT-TEKNOLOĠIJA TAL-ENERĠIJA (SET) ISIR KOMPONENT TEMATIKU EWLIENI TAŻ-ŻER

Objettivi

- Konnessjonijiet aktar profondi bejn il-komunità tar-R&I u l-industrija biex jappoġġaw l-użu ta' innovazzjonijiet fl-enerġija nadifa, mingħajr ma jiżdied il-piż amministrattiv;
- l-istabbiliment ta' approċċi konġunti għal kwistjonijiet trażversali, inkluż l-iżvilupp tal-ħiliet, ir-riċerka u l-innovazzjoni mfassla għall-ħtiġijiet tas-soċjetà, id-diġitalizzazzjoni, u l-adozzjoni mis-suq u l-aċċessibbiltà tas-suq;
- jekk meħtieġ, ir-rieżami tal-kamp ta' applikazzjoni tat-teknoloġija attwali biex ikunu proposti teknoloġiji tal-enerġija nadifa rilevanti ġodda;
- it-titjib tal-kooperazzjoni bejn il-Pjattaformi Ewropej tat-Teknoloġija u l-Innovazzjoni u l-alleanzi industrijali Ewropej.

Deskrizzjoni

Din il-politika strutturali ser tikkontribwixxi għall-miri ġenerali taż-ŻER billi tapprofondixxi l-koordinazzjoni bejn il-programmi u l-inizjattivi tar-R&I tal-enerġija nadifa fil-livell tal-UE, nazzjonali u dak istituzzjonali u billi żżid il-kooperazzjoni bejn l-atturi madwar l-Ewropa, bil-ħsieb li tikkontribwixxi għall-miri klimatiċi u ambjentali ġenerali. Barra minn hekk, il-fatt li l-pjan SET imġedded isir politika strutturali tal-Aġenda ta' Politika l-għdida taż-ŻER ser jixpruna t-tnedija u l-iżvilupp ta' inizjattivi ewlenin ġodda u l-konnessjoni aħjar tal-oġġettiv tar-R&I għall-enerġija nadifa mal-perspettiva usa' tar-R&I. Pereżempju, l-Istrateġija tal-UE dwar l-Enerġija Solari stabbiliet fost l-azzjonijiet tagħha t-tnejn ta' aġenda strateġika konġunta tar-R&I dwar l-enerġija solari mal-Istati Membri. Attivitàjiet addizzjonali previsti jinkludu:

- it-twaqqif ta' 5 task forces trażversali biex joħroġu għodod u jabbozzaw rakkomandazzjonijiet dwar kwistjonijiet trasversali fil-pjan SET;
- il-ħolqien ta' fluss ta' ħidma dwar l-idroġenu biex jiġi implimentat il-"proġett pilota taż-ŻER dwar l-Idroġenu Ekoloġiku";

- l-allinjament tal-prijoritajiet tar-R&I bejn l-Istati Membri u l-UE, filwaqt li jitrawmu azzjonijiet konġunti transfruntieri Ewropej ta' ċentri ta' riċerka, universitajiet u industriji.

Eżiti mistennija

- L-allinjament tal-Aġendi Strateġiċi ta' Riċerka u Innovazzjoni kollha speċifiċi għad-dominju/teknoloġija u l-pjanijiet ta' implimentazzjoni mal-prijoritajiet il-ġodda tal-UE u l-iżvilupp ta' Pjanijiet ta' Implimentazzjoni;
- rakkomandazzjonijiet ta' politika biex l-oqsma li ġejjin jiġu inklużi aħjar fil-qafas tar-R&I tal-enerġija tal-pjan SET: iċ-ċirkolarità u s-sostituzzjoni tal-materjali; R&I għall-ħtiġijiet tas-soċjetà; id-diġitalizzazzjoni; il-ħiliet; l-adozzjoni mis-suq;
- monitoraġġ imtejjeb tal-progress, permezz tas-sistema ta' informazzjoni tal-pjan SET.

9. TITJIB TAL-ARTIKOLAZZJONI BEJN IR-R&I U L-EDUKAZZJONI GĦOLJA FIŻ-ŻER U L-ISFRUTTAR TAL-POTENZJAL SĦIĦ TAL-EKOSISTEMI EWROPEJ TAR-R&I

Objettivi

- Il-kisba ta' koerenza aħjar bejn l-istrategġiji, il-politiki, il-programmi u l-finanzjament għar-R&I u l-edukazzjoni għolja. Kooperazzjoni u djalogu aktar mill-qrib bejn daww iż-żewġ oqsma fil-livell tal-UE, nazzjonali, reġjonali u dak istituzzjonali;
- il-kisba ta' sistemi reġjonali aktar b'saħħithom u aktar konnessi tar-R&I u t-tnaqqis tad-distakk fl-innovazzjoni Ewropea;
- it-titjib tal-għarfien, l-indikaturi u l-għodod għall-implimentazzjoni ta' strategġiji transsettorjali komprensivi, flimkien mal-allinjament tal-innovazzjoni ma' objettivi soċjetali usa';
- livell ogħla ta' sensibilità dwar ir-riċerka u l-edukazzjoni u komplementarjetà mtejba bejniethom;

- tnaqqis tal-frammentazzjoni u d-distakk reġjonali fix-xenarju tar-R&I tal-Ewropa;
- tisħiħ tal-kooperazzjoni bejn l-entitajiet akkademiċi, pubbliċi u privati.

Deskrizzjoni

Din il-politika strutturali għandha l-għan li toħloq skambju strutturat u ffukat fil-komunità biex tippromwovi approċċ aktar sistematiku, inkluż f'termini ta' governanza u appoġġ, u li tinvolvi rappreżentanti kemm tar-riċerka kif ukoll tal-edukazzjoni għolja. Għall-istabbiliment ta' sħubijiet robusti bejn l-atturi tal-edukazzjoni u tar-riċerka u l-innovazzjoni, il-ħidma flimkien biex jiġu stabbiliti mekkaniżmi u inċentivi ġodda biex titnaqqas il-frammentazzjoni u jitnaqqas id-distakk reġjonali.

Eżiti mistennija

- L-iżvilupp ta' rakkomandazzjonijiet imfassla biex jitfasslu u jiġu implimentati strateġiji fil-livell istituzzjonali, reġjonali, nazzjonali u Ewropew;
- l-identifikazzjoni tal-ostakli legali attwali fil-livell reġjonali, nazzjonali u dak Ewropew; tal-prinċipji u l-komponenti ewlenin meħtieġa għall-iżvilupp tal-qafas legali għall-istabbiliment tal-ħames libertà; rakkomandazzjonijiet għall-konsolidazzjoni tal-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja (HEIs) Ewropej fuq quddiem nett tar-R&I globali;
- l-identifikazzjoni ta' politiki, mekkaniżmi u inċentivi biex titrawwem kooperazzjoni aktar robusta bejn l-HEIs u l-atturi l-oħra tar-R&I;
- pjan direzzjonali tal-ambizzjonijiet adottat għall-allinjament strateġiku taż-ŻER/ŻEE (relatat mal-edukazzjoni għolja).

10. TISSAĦĦAĦ IL-FIDUĊJA FIX-XJENZA PERMEZZ TAL-PARTEĊIPAZZJONI U L-INVOLVIMENT TAĊ-ĊITTADINI U L-KOMUNIKAZZJONI XJENTIFIKA MAGĦHOM

Objettiv

- Tingħata spinta lill-involviment pubbliku fir-R&I, fix-xjenza taċ-ċittadini u fil-komunikazzjoni tax-xjenza permezz ta' linji gwida żviluppati b'mod komuni;
- l-iżvilupp ta' mekkaniżmi aktar effettivi għal involviment pubbliku sostanzjali u inklużiv fir-R&I;
- tisħiħ tar-rabtiet bejn ix-xjenza u s-soċjetà fil-livell nazzjonali/reġjonali/lokali;
- żieda fil-litteriżmu xjentifiku u l-kapital tax-xjenza permezz ta' rabtiet aktar mill-qrib bejn il-komunità xjentifika u ż-żgħażaġh u ma' persuni li normalment ma jkunux involuti fix-xjenza.

Deskrizzjoni

Din il-politika strutturali tippreżenta approċċ multidimensjonali bil-ħsieb li tissaħħaħ il-fiduċja fix-xjenza u b'konsegwenza l-governanza demokratika - filwaqt li tibni fuq il-kisbiet tal-Azzjoni 14 "Inqarrbu x-Xjenza Lejn iċ-Ċittadini" tal-Aġenda ta' Politika taż-ŻER 2022-2024.

Eżiti mistennija

- Prinċipji ta' gwida dwar l-involviment inklużiv: l-iżvilupp ta' approċċi komuni għall-involviment pubbliku fir-R&I u l-komunikazzjoni xjentifika;
- attivitajiet li jqarrbu lir-riċerkaturi u ż-żgħażaġh: modi innovattivi ta' parteċipazzjoni u involviment b'mod effettiv u inklużiv taż-żgħażaġh fix-xjenza, billi l-prattikanti jiġu mistiedna jipprovdu l-aħjar Prattiki nazzjonali u jibnu fuq il-ħidma biex jiġu żviluppati manwali u linji gwida fil-qafas ta' proġetti ffinanzjati mill-UE;
- l-konnessjoni bejn ix-xjenza u ċ-ċittadini, l-organizzazzjoni ta' attivitajiet li jqarrbu u jsaħħu l-komunitajiet lokali tar-R&I ma' partijiet ikkonċernati u ċittadini differenti dwar is-suġġett tax-xjenza u r-rwol tagħha fis-soċjetà;

- eżerċizzju ta' tagħlim reċiproku dwar il-fiduċja fix-xjenza, il-konsolidazzjoni u l-kondiviżjoni tal-għarfien dwar kif tinbena, titkejjel u tissaħħaħ il-fiduċja permezz tal-involvement pubbliku;
- mekkaniżmu u skema ta' finanzjament imfassla biex iżidu l-aħjar prattiki ta' inizjattivi nazzjonali ta' parteċipazzjoni u involvement taċ-ċittadini fil-livell tal-UE.

11. IT-TITJIB TAL-AĊĊESS TAL-UE GĦALL-EĊĊELLENZA

Objettivi

- It-titjib tal-aċċess għall-eċċellenza fl-UE kollha;
- il-kontribut għal tfassil u implimentazzjoni koerenti u sinerġiċi tal-investiment tal-UE fir-R&I mill-programmi tal-politika ta' koeżjoni u l-10 programm qafas għar-R&I;
- il-ħolqien ta' rabtiet aktar mill-qrib bejn l-awtoritajiet reġjonali ma' inizjattivi fil-qafas tal-programmi R&I, u l-forniment ta' inċentivi għat-tnedija ta' inizjattivi nazzjonali li jikkomplementaw dawk fil-livell tal-UE.

Deskrizzjoni

Hemm ostakli persistenti għat-titjib tal-aċċess għall-eċċellenza fiż-ŻER u għall-bini ta' sinerġiji aktar b'saħħithom bejn il-politika ta' koeżjoni, il-programmi nazzjonali u reġjonali, u Orizzont Ewropa. Il-politika strutturali tindirizza dawn l-ostakli billi ssaħħaħ il-kooperazzjoni bejn il-korpi involuti fil-ġestjoni tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u Orizzont Ewropa fil-livell nazzjonali u dak tal-UE.

- It-tkomplija tal-ħidma tas-sottogrupp "RIMA" taħt il-Forum taż-ŻER, biex jitlaqqgħu flimkien l-awtoritajiet nazzjonali tar-R&I u l-awtoritajiet maniġerjali tal-programmi tal-politika ta' koeżjoni biex tiġi ffaċilitata l-kondiviżjoni ta' informazzjoni dwar l-eżiti u l-prattiki minn inizjattivi tal-UE.

Eżiti mistennija

- Rakkomandazzjonijiet abbozzati dwar it-titjib tal-aċċess għall-eċċellenza u l-iżgurar tal-koerenza u s-sinerġiji bejn il-programmi;
- rapport ta' progress dwar l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet mill-istħarriġ tal-ewwel fażi tal-RIMA skont il-qafas legali attwali (eż. il-komunikazzjoni, il-bini tal-kapaċità, l-ippjanar fit-tul, l-aċċessibbiltà tad-data u l-approċċ xprunat mid-data, ir-regoli ta' implimentazzjoni, u l-mudelli ta' koordinazzjoni bejn iż-żewġ komunitajiet);
- pariri dwar il-bini ta' sinerġiji aktar b'saħħithom fil-futur bejn il-Politika ta' Koeżjoni, b'mod partikolari dwar l-ispeċjalizzazzjoni intelliġenti filwaqt li jintużaw sinerġiji ma' azzjonijiet iffinanzjati taħt il-parti "Twessigħ" tal-programm, u l-programm qafas;
- skambji tal-aħjar prattiki biex jittejjeb l-aċċess għall-eċċellenza, b'mod partikolari politiki, azzjonijiet u strumenti nazzjonali li jiffaċilitaw l-aċċess għal networks xjentifiċi u ta' innovazzjoni, u suġġerimenti ta' politika, speċjalment għall-kollaborazzjoni bejn l-Istati Membri.

Azzjonijiet taż-ŻER

12. L-APPLIKAZZJONI TAL-EKWITÀ FIX-XJENZA MIFTUĦA

Objettivi

- L-identifikazzjoni tal-ostakli u l-isfidi rigward l-ekwità fil-prattika tax-xjenza miftuħa u l-proposti tat-triq 'il quddiem għar-risponsi ta' politika;
- l-espansjoni ta' mudelli ta' pubblikazzjoni akkademika mingħajr skop ta' qligħ u b'aċċess miftuħ b'adozzjoni u rikonoxximent wiesgħa fid-dixxiplini kollha, inkluż fil-valutazzjoni tar-riċerka;

- il-bini ta' kapaċitajiet f'termini ta' ħiliet tax-xjenza miftuħa u l-aċċess ekwu għal infrastrutturi tax-xjenza miftuħa għall-komunità tar-riċerka taż-ŻER;
- l-iżvilupp ta' approċċi ta' politika tal-UE biex jiġu identifikati perkorsi għal ekwità akbar fil-prattiki u l-infrastrutturi tax-Xjenza Miftuħa.

Deskrizzjoni

L-implimentazzjoni tax-xjenza miftuħa teħtieġ appoġġ politiku b'saħħtu u investiment sinifikanti fir-riżorsi, b'mod partikolari fl-infrastrutturi (u l-aċċess għalihom), il-koordinazzjoni, it-tħejjija teknoloġika, ix-xjenza miftuħa u l-ħiliet diġitali, u l-ħolqien ta' inċentivi effettivi u sistemi ta' rikonoxximent u ta' għoti għar-riċerkaturi. Dawn iwarjaw ħafna fost il-pajjiżi u l-organizzazzjonijiet Ewropej - iżda wkoll globalment - u joħolqu ħtieġa ġenerali għal approċċi aktar ekwi fiż-ŻER.

- L-eżami tal-esperjenzi nazzjonali u l-oqfsa ta' politika fir-rigward tal-aċċess, il-kopertura u d-disinn tal-infrastrutturi għax-xjenza miftuħa, il-politiki ta' pubblikazzjoni akkademika u l-kapaċitajiet tax-xjenza miftuħa tar-riċerkaturi;
- it-tnedija ta' eżerċizzju ta' tagħlim reċiproku dwar l-ekwità fix-xjenza miftuħa 2025/2026;
- il-promozzjoni tat-tixrid tal-ħiliet u t-taħriġ biex jiġu indirizzati l-inugwaljanzi fil-prattika tax-xjenza miftuħa;
- l-organizzazzjoni ta' sessjonijiet ta' ħidma għal awtoritajiet pubbliċi biex jidentifikaw rakkomandazzjonijiet għall-istituzzjonijiet u għal dawk li jfasslu l-politika – u biex joħorġu rapport fl-2027.

Eżiti mistennija

- Rendikont tal-isfidi tal-ekwità fix-xjenza miftuħa fil-pajjiżi taż-ŻER (li jirrifletti d-diversità eżistenti f'termini ta' oqfsa, kapaċitajiet, finanzjament, eċċ.);
- appoġġ ta' politika u ta' finanzjament biex joperaw servizzi ta' pubblikazzjoni akkademika ta' kwalità għolja mingħajr skop ta' qligħ madwar iż-ŻER;

- l-iżvilupp u t-tixrid ta' għodod, metodi ta' taħriġ u servizzi kondiviżi biex tingħata spinta lill-kapaċità f'termini ta' ħliet tax-xjenza miftuħa; f'kollaborazzjoni mal-partijiet ikkonċernati;
- rakkomandazzjonijiet għall-iżvilupp ta' approċċ ta' politika tal-UE għall-ekwiżità fix-xjenza miftuħa fil-prattiki differenti tagħha.

13. L-AVVANZ TAL-EKOSISTEMA EWROPEA TAX-XJENZA GħALL-POLITIKA (S4P);

Objettivi

Din l-azzjoni għandha tliet objettivi interkonnessi:

- l-iżvilupp ulterjuri ta' "Xjenza għall-Politika" u t-titjib tal-integrazzjoni trażversali tal-għarfien fil-politiki pubbliċi;
- it-tkomplija u t-tisħiħ tal-ekosistema Ewropea tal-S4P fl-approċċi, is-setturi u l-livelli ta' governanza kollha;
- il-promozzjoni tal-kollaborazzjoni fost in-networks tal-atturi rilevanti u t-trawwim tal-identifikazzjoni u l-iskambju tal-aħjar prattiki u t-tagħlim reċiproku.

Deskrizzjoni

Sabiex jiġu appoġġati l-interfaċċi bejn ix-xjenza u l-politika madwar l-Ewropa u biex tiġi indirizzata l-frammentazzjoni fl-ekosistemi tal-S4P, ser jinkisbu żewġ stadji ewlenin:

- network nazzjonali ta' xjenza għall-koordinaturi tal-politika, li jlaqqa' flimkien uffiċjali li jaħdmu fuq l-S4P fl-amministrazzjonijiet nazzjonali tar-R&I u l-istituzzjonijiet ta' politika madwar l-Ewropa bl-għan li jikkoordinaw l-isforzi biex jintegraw l-approċċi tal-S4P fl-amministrazzjonijiet tagħhom fil-livelli kollha ta' governanza u jrawmu t-tagħlim reċiproku fil-pajjiżi kollha;
- komunità tal-prattika S4P bl-objettiv li trawwem konnessjonijiet pan-Ewropej u internazzjonali b'saħħithom u interazzjonijiet akbar, tagħlim reċiproku, u kollaborazzjoni ta' networks u atturi tal-S4P.

Eżiti mistennija

- Djalogu regolari bejn in-network, il-komunità ta' Prattika, u partijiet interessati oħra biex jespjoraw kif jgħolqu l-kundizzjonijiet meħtieġa biex jiffaċilitaw involviment effettiv bejn ir-riċerka u l-politika;
- it-trawwim tat-tagħlim bejn il-pari, it-tisħiħ tal-ħiliet u l-kompetenzi u l-iffaċilitar tal-kollaborazzjoni dwar l-S4P bejn setturi u livelli ta' governanza differenti;
- il-ħolqien ta' osservatorju tax-xenarju Ewropew tal-S4P u l-prattiki tiegħu, li jiġbor il-fatturi ta' suċċess u l-isfidi komuni tal-operat fl-interfaċċa bejn ix-xjenza u l-politika.

14. L-IFFAĊILITAR U L-AĊĊELLERAZZJONI TAL-UŻU RESPONSABBLI TAL-IA FIX-XJENZA FL-UE

Objettivi

Jitfasslu, jiġu appoġġati, allinjati u kkoordinati miżuri ta' politika biex tiġi aċċellerata u ffaċilitata l-adozzjoni responsabbli tal-IA fix-xjenza u r-riċerka Ewropej, li jirriżultaw fi:

- politiki allinjati dwar l-IA fix-Xjenza, inkluż l-identifikazzjoni komuni ta' oqsma ta' prijetà;
- għarfien espert u kondivizzjoni akbar tar-riżorsi bejn il-pajjiżi;
- pedament għall-kollaborazzjoni u l-involvement futur, għall-kondivizzjoni tal-aħjar prattiki, u biex jiġu attirati aktar sħab tal-istess fehma;
- kollaborazzjoni u involviment aktar mill-qrib mal-partijiet ikkonċernati, l-istabbiliment ta' networks, u l-bini ta' komunità.

Deskrizzjoni

L-azzjoni ser tiffoka fuq tliet suġġetti ewlenin li jirriżultaw mill-prijoritajiet politiċi tal-Kummissjoni l-għdida:

- l-istrategġija għall-IA fix-xjenza;
- it-twaqqifl-istabbiliment ta' Kunsill Ewropew għar-Riċerka dwar l-IA;
- ftehim dwar enfasi fuq il-finanzjament għall-IA fix-xjenza.

Dawn is-suġġetti ser jiġu diskussi u żviluppati fil-forma ta' laqgħat regolari, workshops dwar il-bini tal-kapaċità li jippreżentaw evidenza u żviluppi ta' politika, kif ukoll workshops prattiċi biex jaħdmu flimkien fuq l-allinjament tal-politika, il-linji gwida, u l-aġendi ta' finanzjament.

Eżiti mistennija

- L-aġġornament, il-promozzjoni u t-tixrid tal-linji gwida ħajjin taż-ŻER dwar l-użu tal-IA ġenerattiva fir-riċerka (mill-inqas darba fis-sena fl-2025, 2026, 2027);
- pjan direzzjonali konġunt dwar l-IA fix-xjenza (2025);
- aġenda ta' finanzjament strateġiku maqbula mal-Istati Membri u possibbilment ukoll mal-finanzjaturi Ewropej (2026);
- proġetti konġunti jekk jitqiesu fattibbli/utli mill-parteciċipanti (2026-2027);
- pjan miftiehem għall-kollaborazzjoni kontinwa u l-iżvilupp tal-politika (2027).

15. IT-TISHIH TAS-SIGURTÀ TAR-RIĊERKA

Objettiv

- It-titjib tas-sigurtà tar-riċerka fl-UE biex jinżamm ambjent akkademiku b'saħħtu u miftuħ, filwaqt li r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar is-sigurtà tar-riċerka tintuża bħala bażi;
- il-forniment ta' spazju ta' kooperazzjoni għal dawk li jfasslu l-politika biex jikkondividu l-esperjenzi u jimplimentaw u jiżviluppaw approċċ nazzjonali biex itaffu r-riskji, filwaqt li jirrispettaw il-libertà akkademika u l-awtonomija istituzzjonali;
- l-għoti tas-setgħa lis-settur Ewropew tar-R&I biex jiġu ottimizzati l-opportunitajiet u mitigati r-riskji tal-kollaborazzjoni internazzjonali u biex il-kooperazzjoni internazzjonali tinżamm miftuħa u sikura.

Deskrizzjoni

Minħabba l-mod kif l-għarfien jinfirex madwar iż-ŻER u l-konnessjonijiet internazzjonali b'saħħithom fis-settur tar-R&I, mhux possibbli li tiġi indirizzata s-sigurtà tar-riċerka permezz ta' sforzi nazzjonali biss. Sforzi kkoordinati nazzjonali u tal-UE ser jipprovdu qafas għall-kondiviżjoni tal-aħjar Prattiki u l-iżgurar tal-konsistenza. Fl-ewwel sena, l-Istati Membri ser ikunu jistgħu jivvalutaw is-sitwazzjoni attwali tagħhom u jipplanaw il-passi li jmiss biex jgħinu lil xulxin jiksbu livell bażi ta' sigurtà tar-riċerka.

Eżiti mistennija

L-azzjoni ser timplimenta l-qafas tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar is-sigurtà tar-riċerka⁸ bil-mod li ġej:

- ħidma lejn spazju ta' kooperazzjoni Ewropew dwar is-sigurtà tar-riċerka permezz ta' kooperazzjoni strutturali fost l-esperti tal-Istati Membri, il-finanzjaturi tar-riċerka u l-organizzazzjonijiet tal-partijiet ikkonċernati tar-riċerka u l-innovazzjoni fil-livell tal-UE kif ukoll billi jiġu esplorati u vvalutati l-għażliet għal aktar appoġġ strutturali f'dan ir-rigward, bħal permezz ta' ċentru Ewropew ta' għarfien espert dwar is-sigurtà tar-riċerka, filwaqt li jittieħed kont tal-istrutturi eżistenti u l-assoċjazzjoni tiegħu mal-pjattaforma ta' punt uniku ta' servizz;

⁸ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-23 ta' Mejju 2024 dwar it-tisħiħ tas-sigurtà tar-riċerka, ĠU C, C/2024/3510, 30.5.2024.

- tissejjaħ laqgħa bejn dawk li jfasslu l-politika, l-esperti u l-prattikanti madwar it-tema tas-sigurtà tar-riċerka f'Konferenza Ewlenija Ewropea biennali dwar is-Sigurtà tar-Riċerka (2025, 2027);
- l-immappjar, il-monitoraġġ u l-analiżi tal-miżuri u l-inizjattivi ta' sigurtà tar-riċerka fil-livell nazzjonali u tal-UE, inkluż permezz ta' Monitoraġġ biennali tas-Sigurtà tar-Riċerka (2025, 2027);
- l-appoġġ tal-kondiviżjoni tal-informazzjoni, it-tagħlim bejn il-pari u l-bini tal-kapaċità, b'mod partikolari għall-iżvilupp ta' approċċi nazzjonali għas-sigurtà tar-riċerka.
- l-iżvilupp ta' gwida u għodod għas-salvagwardji fil-programmi ta' finanzjament tar-riċerka fil-livell nazzjonali u tal-UE kif ukoll għall-proċessi tal-ġestjoni tar-riskju u tad-diliġenza dovuta fl-organizzazzjonijiet li jwettqu r-riċerka (jiġifieri: pjattaforma ta' punt uniku ta' servizz dwar l-indirizzar tal-indħil barrani fir-R&I);
- kooperazzjoni aktar mill-qrib mas-sħab internazzjonali dwar approċċi u miżuri ta' sigurtà tar-riċerka.

Minħabba n-natura sensittiva tas-suġġett, li spiss tinvolvi informazzjoni sensittiva jew klassifikata, il-parteciċipazzjoni fiha ġeneralment tkun ristretta għall-esperti tal-Istati Membri.

16. L-AĊĊELLERAZZJONI TAL-INVESTIMENTI FIR-R&I GĦAT-TRASFORMAZZJONI INDUSTRIJALI U S-SOSTENIBBILTÀ KOMPETITTIVA TAL-EWROPA

Objettiv

- Il-kisba ta' fehim akbar tal-ħtiġijiet industrijali għar-riżultati u l-investimenti tar-R&I, biex dawk li jfasslu l-politika u l-aġenziji ta' finanzjament jiġu ffaċilitati jfasslu u jimplimentaw għodod immirati biex jimmobilizzaw l-investimenti fir-R&I;
- iż-żieda fis-sinerġiji fil-finanzjament tar-R&I, b'mod partikolari mill-industrija, għat-trasferiment tat-teknoloġija, id-dimostraturi, l-espanzjoni, il-validazzjoni u l-infrastrutturi tat-teknoloġija;
- l-iffaċilitar tal-perkors lejn l-adozzjoni u l-użu ta' teknoloġiji avvanzati fl-industrija b'enfasi fuq is-sostenibbiltà u l-benefiċċju għas-soċjetà.

Deskrizzjoni

L-aċċellerazzjoni tal-investimenti fir-R&I teħtieġ approċċ sistematiku biex l-aġenda tar-R&I tiġi infurmata u ffurmata skont il-ħtiġijiet industrijali u qafas operazzjonali komprensiv għat-trasferiment effettiv tar-riżultati tar-R&I f'applikazzjonijiet industrijali.

- L-integrazzjoni tal-għodod attwali fil-livell Ewropew, nazzjonali u reġjonali, il-wiri ta' prattiki tajbin fl-applikazzjoni tagħhom, l-iffaċilitar tal-iskambju tal-esperjenza u l-għoti ta' opportunitajiet għall-Istati Membri u r-reġjuni biex jikkondividu prattiki tajbin, u biex iġibu għarfien ġdid;
- l-implimentazzjoni tal-approċċ Ewropew immexxi mid-domanda għall-infrastrutturi tat-teknoloġija, inkluż azzjonijiet pilota u skemi possibbli ta' finanzjament, bħala parti mill-ħidma attwali dwar l-Infrastrutturi tar-Riċerka u t-Teknoloġija;
- l-iżvilupp, l-ittestjar u l-implimentazzjoni tal-approċċ tas-sett ta' għodod ta' politika għall-aċċellerazzjoni tad-dekarbonizzazzjoni tal-industriji intensivi fl-enerġija u l-avvanz tal-ekonomija ċirkolari, filwaqt li jiġi żgurat il-kontribut mill-komunità tal-pjan SET.

Eżiti mistennija

- L-immappjar tal-għodod ta' politika li jappoġġaw ir-R&I industrijali;
- il-kontribut għall-politika Ewropea dwar l-Infrastrutturi tar-Riċerka u t-Teknoloġija inkluż azzjonijiet li jwasslu għall-użu mmexxi mid-domanda ta' infrastrutturi bħal dawn mill-industrija, b'mod partikolari l-SMEs, in-negozji ġodda u n-negozji li qed jespandu;
- il-bini u l-iskambju ta' għarfien u għarfien espert fl-immappjar direzzjonali tat-teknoloġija industrijali nazzjonali għad-dekarbonizzazzjoni tal-industriji intensivi fl-enerġija;
- il-kontribut għal pjattaforma Ewropea ta' monitoraġġ għat-teknoloġiji u d-dimostraturi industrijali (Ċentru Ewropew tal-Innovazzjoni għat-Trasformazzjoni u l-Emissjonijiet Industrijali - INCITE),

17. L-AĊĊELLERAZZJONI TA' METODOLOĠIJI ĠODDA TA' APPROĊĊ (NAMs) BIEX JIĠU AVVANZATI R-RIĊERKA BIJOMEDIKA U L-ITTESTJAR TA' PRODOTTI MEDIĊINALI U APPARATI MEDIĊI.

Objettiv

L-azzjoni għandha l-għan li taċċellera, permezz ta' approċċ allinjat u kkoordinat madwar l-Istati Membri u, fejn xieraq, il-pajjiżi assoċjati, l-iżvilupp, il-validazzjoni/kwalifika, l-aċċettazzjoni, u l-adozzjoni ta' metodoloġiji ġodda ta' approċċ (NAMs) fir-riċerka bijomedika u l-ittestjar regolatorju ta' prodotti mediċinali u apparati mediċi.

Deskrizzjoni

Għalkemm l-Istati Membri huma marbuta bid-Direttiva 2010/63/UE li titlob is-sostituzzjoni tal-proċeduri tal-annimali fir-riċerka, l-edukazzjoni u l-ittestjar regolatorju hekk kif isiru disponibbli approċċi alternattivi validi, ma hemm l-ebda mekkaniżmu ta' koordinazzjoni li jiżgura l-iżvilupp u l-validazzjoni tal-NAMs. L-azzjoni taż-ŻER ser tinvolvi b'mod attiv lill-atturi kollha billi tistabbilixxi koordinazzjoni fl-UE kollha, li tikkonsisti minn ministeri rilevanti, aġenziji regolatorji, organizzazzjonijiet li jiffinanzjaw ir-riċerka, l-akkademja, l-industrija farmaċewtika u tat-teknoloġija medika, l-organizzazzjonijiet tar-riċerka kuntrattwali (CROs), l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs), u n-negozji ġodda, biex jiġu allinjati l-politiki nazzjonali u reġjonali biex jitħaffu l-iżvilupp, il-validazzjoni, l-aċċettazzjoni, u l-adozzjoni tal-NAMs.

Din l-azzjoni ser tkun appoġġata minn erba' gruppi ta' ħidma bit-temi: (1) l-iżvilupp tal-NAMs u l-infrastrutturi komuni Ewropej, (2) il-validazzjoni/kwalifika, l-aċċettazzjoni, u l-adozzjoni tal-NAMs, (3) l-edukazzjoni u t-taħriġ, (4) il-ftuħ u s-sensibilizzazzjoni.

Eżiti mistennija

- Aġenda għall-iżvilupp u l-infrastruttura tal-NAM li tidentifika fejn l-NAMs huma l-aktar meħtieġa u mistennija li jkollhom l-ogħla impatt fuq terminu qasir sa medju (ir-raba' trimestru tal-2027);
- l-identifikazzjoni mill-Istati Membri u l-partijiet ikkonċernati tal-azzjonijiet li jistgħu jappoġġaw b'mod konġunt biex jiżviluppaw NAMs ġodda u infrastrutturi relatati (l-ewwel trimestru tal-2028);
- strateġija ta' aċċettazzjoni u adoxxjoni tal-NAM li tidentifika l-kriterji għall-użu tal-NAMs (it-tielet trimestru tal-2027);

- l-Istati Membri u l-partijiet ikkonċernati jappoġġaw b'mod konġunt il-validazzjoni u l-kwalifika ta' sett limitat ta' NAMs imfassla biex jiġu aċċettati u implimentati fl-ittestjar regolatorju ta' prodotti mediċinali u apparati mediċi (mir-raba' trimestru tal-2027 sat-tielet trimestru tal-2028);
- il-pjan tal-edukazzjoni u t-taħriġ tal-NAMs (l-ewwel trimestru tal-2027) u l-programmi konġunti tal-edukazzjoni u t-taħriġ (mit-tieni trimestru tal-2027 sat-tieni trimestru tal-2028);
- programm armonizzat ta' ftuħ u sensibilizzazzjoni tal-NAM li jtejjeb l-aċċess miftuħ għall-protokoll tal-NAMs u r-riżultati tal-esperimenti fuq l-annimali. Il-programm ser jipprovdi gwida għall-membri tal-kumitat tal-etika, l-evalwaturi u r-regolaturi, abbażi tal-aħjar prattiki fl-Istati Membri parteċipanti. Huwa jipproponi azzjonijiet konkreti biex tizzied il-fiduċja tar-regolaturi fl-NAMs inkluż fehim aħjar tal-potenzjal u l-limitazzjonijiet tal-NAMs (it-tieni trimestru tal-2028).
- Mill-inqas konferenza ewlenija waħda biex titqajjem kuxjenza dwar is-soċjetà ċivili u l-pazjenti dwar ir-riċerka bijomedika, l-iskoperta tal-mediċini u l-proċess tal-iżvilupp (it-tielet trimestru tal-2028).

18. L-IŻVILUPP TA' QAFAS KOERENTI U KOORDINAT GĦAL APPROĊĊ EWROPEW GĦALL-INTEGRITÀ U L-ETIKA FIR-R&I QUDDIEM L-ISFIDI EMERĠENTI

Objettivi

- Il-ħolqien ta' pjattaforma li tiffaċilita d-diskussjonijiet dwar approċċ ġdid għall-etika u l-integrità fir-riċerka li tkun teknoloġikament newtrali u li tiffaċilita l-innovazzjoni u tappoġġa l-eċċellenza, filwaqt li tirrispetta s-simplifikazzjoni u l-approċċ tal-etika mid-disinn;
- il-koordinazzjoni tal-azzjonijiet biex jissaħħu l-etika u l-integrità, jiġi evitat il-ksur, u jiġi indirizzati l-ostakli għall-implimentazzjoni tal-linji gwida etiċi eżistenti;
- l-iżvilupp gradwali ta' network Ewropew biex jistabbilixxi qafas għall-integrità u l-etika tar-riċerka, inkluż pjan direzzjonali ta' azzjonijiet u indikaturi tal-prestazzjoni, b'kont meħud tan-networks u l-istrutturi diġà eżistenti;
- il-ħolqien ta' viżjoni għal ekosistema ta' pariri u appoġġ dwar l-etika bbażata fuq il-fiduċja, li tippermetti lix-xjenza u r-riċerka jixprunaw innovazzjoni responsabbli allinjata mal-interessi tas-soċjetà.

Deskrizzjoni

Din l-azzjoni għandha l-għan li tantiċipa, tipprevjeni, tindirizza u timmitiga l-isfidi emerġenti u tissalvagwardja l-integrità tar-riċerka f'oqsma teknoloġiċi kritiċi fid-dawl tal-aġġornament reċenti tal-Kodiċi ta' Kondotta Ewropew għall-Integrità tar-Riċerka u r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar oqsma teknoloġiċi kritiċi għas-sigurtà ekonomika tal-UE.

- It-teħid ta' approċċ miftiehem għall-integrità u l-etika biex jiġi ffaċilitat ir-rispons tas-settur għal din l-isfida u sfidi emerġenti oħra;
- il-provvista ta' firxa wiesgħa ta' għodod għall-previżjoni, il-prevenzjoni, il-ġestjoni u l-mitigazzjoni ta' sfidi ġodda ta' tfixkil għall-integrità tar-riċerka;
- l-iżvilupp ta' approċċ Ewropew verament operazzjonali, koerenti u sostenibbli biex jappoġġa lir-riċerkaturi biex jindirizzaw l-isfidi etiċi.

Eżiti mistennija

- L-iżvilupp ta' struttura ta' koordinazzjoni (fil-forma ta' pjattaforma Ewropea) li tiġbor flimkien in-networks Ewropej eżistenti dwar l-etika u l-integrità tar-riċerka;
- pjan direzzjonali dettaljat tal-azzjonijiet u l-indikaturi tal-prestazzjoni;
- linji gwida prattiċi, settijiet ta' għodod operazzjonali, u proċeduri operattivi standard;
- approċċ għal azzjonijiet konġunti ta' taħriġ fuq bażi pilota.

19. L-GĦOTI TAS-SETGĦA LIR-R&I: ERA ĠDIDA FIL-ĠESTJONI TAR-RIĊERKA

Objettiv

- Il-kisba ta' rikonoxximent aħjar tal-professjoni ta' maniġer tar-riċerka kif ukoll perkorsi ta' karriera attraenti u aktar ċari għall-maniġers tar-riċerka;
- l-iżgurar ta' aċċess wiesa' u faċli għal materjal edukattiv u attivitajiet/għodod ta' titjib tal-ħiliet tal-maniġers tar-riċerka, inkluż maniġers tar-riċerka dwar il-karrieri bikrija, inkluża gwida dwar l-għodod tal-IA;

- il-ħolqien ta' skema rikonoxxuta madwar l-Ewropa kollha ta' tagħlim u żvilupp tal-ħiliet għall-Maniġers tar-Riċerka b'komponenti ta' tagħlim u mobbiltà bejn il-pari li jiżguraw l-integrazzjoni tal-prijoritajiet u l-valuri taż-ŻER, eż., l-integrità tal-etika u tar-riċerka, ix-xjenza miftuħa u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri;
- it-titjib tan-networking mal-maniġers tar-riċerka mis-settur pubbliku u privat li jirriżulta f'għarfien aħjar tal-iskemi għall-iżvilupp professjonali, il-perkors tal-karriera u l-opportunitajiet ta' taħriġ disponibbli.

Deskrizzjoni

Hekk kif il-proċessi ta' riċerka jintensifikaw u l-aspettattivi dwar il-ġenerazzjoni ta' impatt fuq is-soċjetà jikbru, l-appoġġ speċjalizzat mill-maniġers tar-riċerka jsir kruċjali. Din l-inizjattiva tfittex li ssaħħaħ il-professjoni tal-ġestjoni tar-riċerka, li għadha sottovalutata fiż-ŻER, u ttiprovdi appoġġ għall-iżvilupp strateġiku tagħha. Hija tenfasizza l-ħtieġa għal appoġġ ikkoordinat ta' politika tal-UE u nazzjonali biex jinħolqu professjonisti tas-sengħa, prospetti aħjar ta' karriera, kundizzjonijiet tax-xogħol imtejba, ugwaljanza bejn il-ġeneri, taħriġ u mobbiltà.

Eżiti mistennija

- It-tnedija fl-2025 u l-implimentazzjoni ta' qafas globali u flessibbli ta' karrieri u kompetenza għall-maniġers tar-riċerka; l-implimentazzjoni ta' kampanja ta' sensibilizzazzjoni bbażata fuq l-evidenza fl-Istati Membri, li r-riżultati tagħha ser jiġu ppubblikati fl-2026;
- il-kokreazzjoni fl-2026 ta' Karta Ewropea għall-maniġers tar-riċerka, il-ħolqien ta' approċċ trijangulari tal-organizzazzjonijiet li jwettqu r-riċerka, l-organizzazzjonijiet li jiffinanzjaw ir-riċerka, u l-industrija Ewropea, filwaqt li jiġi żgurat ir-rikonoxximent fis-setturi kollha; it-tfassil ta' approċċi għall-bini tal-kapaċità; u l-analiżi tar-rwol tal-ġestjoni tar-riċerka f'azzjonijiet magħżula f'finanzjati taħt il-parti tat-"twessigħ" għal Orizzont Ewropa biex jiġi mmonitorjat l-impatt fuq l-effiċjenza u l-effettività ġenerali tas-sistema tar-R&I;

- it-tnedija fl-2027 ta' ċentru online ċentralizzat, preferibbilment taħt il-Pjattaforma tat-Talent taż-ŻER li jmiss, li jiġbor kurrikuli attwali u ġodda, materjali edukattivi, flimkien ma' għodod ta' titjib tal-ħiliet għall-maniġers tar-riċerka, u aċċess għal programmi vitali ta' taħriġ u ċertifikazzjoni kemm għall-professjonisti attwali kif ukoll għal dawk aspiranti.
-